

Brussell, 11 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9980/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0229 (COD)**

ECOFIN 604
CADREFIN 92
CODEC 1029
COMPET 441
RECH 283
ENER 231
TRANS 260
ENV 429
EDUC 253
EF 165
TELECOM 178
IA 197
FSTR 32

PROPOSTA

| | |
|-------------------|--|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 7 ta' Ġunju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 439 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Programm InvestEU |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 439 final.

Mehmuż: COM(2018) 439 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2018
COM(2018) 439 final

2018/0229 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm InvestEU

{SEC(2018) 293 final} - {SWD(2018) 314 final} - {SWD(2018) 316 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (MFF) mill-2021, jenħtieġ jiġi pprovdut programm ta' investiment tal-UE li jilqa' għal għanijiet trażversali f'termini ta' simplifikazzjoni, flessibilità, sinerġiji u koerenza fil-politiki rilevanti tal-UE. Il-kunsiderazzjonijiet ippreżentati fid-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-finanzi tal-UE jenfasizzaw il-ħtieġa "li jsir aktar b'inqas" u li jiġi sfruttat il-baġit tal-UE fi żmien ta' restrizzjonijiet baġitarji. Sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-għadd kbir ta' strumenti finanzjarji fil-livell tal-UE, id-Dokument ta' Riflessjoni jissuġġerixxi s-soluzzjoni possibbli li dawn jiġu integrati f'fond uniku li jipprovdi appoġġ permezz ta' varjetà wiesgħa ta' prodotti finanzjarji filwaqt li jsaħħa l-attenzjoni fuq oqsma ta' politika u għanijiet. Dan jissuġġerixxi wkoll li l-istrumenti finanzjarji fil-livell tal-UE u dawk ġestiti mill-Istati Membri skont il-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jkunu kumplimentari.

Fl-MFF attwali u preċedenti, l-istrumenti finanzjarji ġew estiżi taħt varjetà ta' programmi. Matul l-MFF 2014-2020, il-Kummissjoni stabbiliet 16-il strument finanzjarju ġestit b'mod ċentrali. L-allokazzjoni tal-baġit għall-istrumenti għall-azzjoni interna attwalment tammonta għal EUR 5,2 biljun. Dawn l-istrumenti għandhom l-għan li jappoġġaw investimenti f'oqsma ta' politika differenti, bħar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I), il-finanzjament ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs), l-infrastruttura, is-setturi kulturali kif ukoll il-promozzjoni ta' sostenibbiltà ambjentali u soċjali.

L-istrumenti finanzjarji huma wkoll mekkaniżmu ta' implimentazzjoni għall-programmi ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESIF) imwettqa b'ġestjoni kondiviża mill-awtoritajiet maniġerjali. Il-baġit totali pprogrammat li għandu jitwassal permezz ta' strumenti finanzjarji b'ġestjoni kondiviża għall-MFF 2014-2020 jammonta għal madwar EUR 21 biljun.

Barra minn hekk, wara l-kriżijiet tad-dejn finanzjarju u sovrani ta' bejn l-2008 u l-2015, it-tisħiħ tal-impjeggi, tat-tkabbir u tal-investiment sar waħda mill-ogħla 10 prijoritajiet tal-Kummissjoni fil-forma tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa mniedi fl-2014 bħala rispons għal-livelli ta' investiment dgħajfa. Fil-qalba, hemm il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) stabbilit fl-2015, li jimmira li jimmobilizza mill-inqas EUR 315-il biljun ta' investiment addizzjonali sa nofs l-2018 permezz ta' appoġġ għall-kapaċità ta' rfiġ tar-riskji tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment permezz ta' garanzija tal-UE ta' EUR 16-il biljun flimkien ma' finanzjament ta' EUR 5 biljun mir-riżorsi proprji tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment. Waqt li jibni fuq is-suċċess tiegħu, il-FEIS ġie estiż u miżjud fi tmiem l-2017. Issa huwa jipprovdi garanzija baġitarja ta' EUR 26 biljun imsejsa fuq il-provvediment ta' riżorsi baġitarji ta' EUR 9,1 biljun. Barra minn hekk, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment jipprovdi kapaċità ta' rfiġ tar-riskji addizzjonali ta' EUR 7,5 biljun. L-għan huwa li jiġu mmobilizzati mill-inqas EUR 500 biljun ta' investiment addizzjonali sa tmiem l-2020. Il-Programm InvestEU se jkun ibbażat fuq l-istess mudell baġitarju ta' suċċess tal-FEIS, filwaqt li jiżgura li r-riżorsi baġitarji skarsi jimmobilizzaw kemm jista' jkun investimenti privati.

Il-kundizzjonijiet għal żieda fl-investiment tjebu mill-2014, bis-saħħa tat-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u wkoll minħabba l-interventi pubbliċi bħall-FEIS. Madankollu, għad hemm diskrepanzi importanti fl-investiment f'oqsma ta' politika differenti li sikwit jinżammu lura minn fallimenti persistenti fis-suq. Sabiex ikun jistgħu jintlaħqu l-għanijiet ta' politika ambizzjużi tal-Unjoni, l-attrazzjoni ta' kapital privat biex jiffinanzja l-investiment tibqa' essenzjali filwaqt li għandu jiġi aġġustat l-approċċ lejn aktar rilevanza politika. Il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni,

inkluż b' mod partikolari fil-qafas ta' COSME u Orizzont Ewropa, kull meta l-użu ta' appoġġ ta' investiment ripagabbli jkun xieraq. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Baġit għall-Ewropa Moderna tistabbilixxi li EUR 3,5 biljun tal-pakkett għal Orizzont Ewropa ġew allokat fil-qafas tal-Fond InvestEU, biex jikkontribwixxu għas-sezzjoni ta' politika tar-Riċerka, l-Innovazzjoni u d-Diġitalizzazzjoni b'allokazzjoni indikattiva totali ta' garanzija tal-UE ta' EUR 11,25 biljun.

Il-ħolqien tal-Programm InvestEU jipprovdi mekkaniżmu uniku ta' appoġġ għall-investiment tal-UE għal azzjoni interna għall-MFF 2021-2027. Il-Programm InvestEU jibni fuq l-esperjenza ta' suċċess tal-FEIS u l-istrumenti finanzjarji attwali għall-politiki interni. Dan se joqgħod fuq tliet pedamenti: (i) il-Fond tal-InvestEU li jipprovdi għall-garanzija tal-UE; (ii) iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU li jipprovdi b' mod partikolari assistenza teknika relatata mal-iżvilupp tal-proġetti; (iii) il-Portal tal-InvestEU li jipprovdi bażi ta' data aċċessibbli faċilment għall-promozzjoni ta' proġetti li jkunu qed ifittxu finanzjament; u (iv) operazzjonijiet ta' taħlit.

Il-Fond InvestEU se jkun immexxi mid-domanda biex jattira investiment privat. Huwa se jrawwem b' mod partikolari l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-investiment fl-infrastruttura sostenibbli iżda se jipprovdi wkoll għall-ħtiġijiet fis-settur soċjali u l-SMEs. Se jkun importanti li jintlaħqu wkoll proġetti iżgħar u lokali.

Il-Fond InvestEU jikkonsisti f'garanzija baġitarja tal-UE li tinfed il-prodotti finanzjarji pprovduti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dan jimmira għall-proġetti ta' valur miżjud tal-UE u jipromwovi approċċ koerenti għall-finanzjament tal-għanijiet tal-politika tal-UE. Joffri taħlita effettiva u effiċjenti ta' għodda ta' finanzjament tal-UE għal oqsma ta' politika speċifiċi.

Din il-proposta tippredvi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, f'konformità man-notifika mir-Renju Unit rigward l-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u mill-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

• **Raġunijiet u għanijiet**

Bħala skema ta' investiment unika għall-politiki interni tal-Unjoni, il-Programm InvestEU huwa kemm strument ta' politika kif ukoll għodda ta' implimentazzjoni.

Bħala strument ta' politika, l-għan ġenerali tal-Programm InvestEU huwa li jappoġġa l-għanijiet tal-Unjoni billi jimmobilizza l-investiment pubbliku u privat fl-UE, u b'hekk jindirizza fallimenti tas-suq u diskrepanzi fl-investiment li jfixklu l-kisba tal-għanijiet tal-UE rigward is-sostenibbiltà, il-kompetittività u t-tkabbir inklużiv.

L-għan huwa li jiġi pprovdut finanzjament lil atturi ekonomiċi bi profil ta' riskju li l-finanzjaturi privati mhux dejjem ikunu kapaċi jew lesti jindirizzaw sabiex jipromwovu l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE, it-tkabbir sostenibbli, ir-reżiljenza u l-inklużività soċjali u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali fl-UE f'konformità mal-għanijiet tal-politika tal-UE f'setturi differenti. Abbażi ta' garanzija tal-UE, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tal-baġit tal-UE u se jżid l-impatt tal-baġit tal-UE billi "*jagħmel aktar b'inqas*". Għal proġetti ekonomikament vijabbli b'kapaċità li jiġġeneraw id-dħul, użu aktar sistematiku ta' garanzija baġitarja jista' jgħin biex jiżded l-impatt tal-fondi pubbliċi.

Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jkollu l-kapaċità li jsawwar strateġija tal-UE li tindirizza l-attività ta' investiment li għadha dgħajfa fl-Unjoni. Bid-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-finanzjament u bil-promozzjoni ta' finanzjament fit-tul u sostenibbli, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-swieq kapitali Ewropej, fil-qafas tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, u għat-tisħiħ tas-Suq Uniku. Bħala riżorsa mifruxa mal-UE kollha li tgħaqqad

il-kompetenza finanzjarja, tas-suq, teknika u politika, il-Programm InvestEU jenħtieġ ukoll li jkun katalist għall-innovazzjoni finanzjarja għas-servizz tal-għanijiet tal-politika.

Bħala għodda eżekuttiva, il-Fond InvestEU jimmira li jimplementa l-baġit tal-UE permezz ta' garanzija baġitarja b'mod aktar effiċjenti, jikseb ekonomiji ta' skala, iżid il-viżibbiltà tal-azzjoni tal-UE u jissimplifika l-qafas tar-rapportar u tar-responsabbiltà. L-istruttura proposta għandha l-għan li tissimplifika, iżżid il-flessibbiltà u tneħħi d-duplikazzjoni potenzjali bejn strumenti ta' appoġġ tal-UE apparentement simili.

Minbarra l-garanzija tal-UE fil-livell tal-Unjoni, il-proposta tipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw parti mill-fondi li jinsabu b'għestjoni kondiviża permezz ta' kompartment iddedikat fil-garanzija tal-UE tal-Fond InvestEU biex jintlaħqu l-istess għanijiet fejn fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment ikunu preżenti fil-livell nazzjonali jew reġjonali.

Barra minn hekk, iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU se jipprovdi appoġġ konsultattiv għall-iżvilupp tal-proġetti u miżuri ta' akkumpanjament matul iċ-ċiklu ta' investiment biex irawwem il-ħolqien u l-iżvilupp ta' proġetti u l-aċċess għall-finanzjament. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU se jiġi pprovdut fl-oqsma ta' politika tal-InvestEU u se jiżgura wkoll punt uniku ta' aċċess għall-promoturi u l-intermedjarji tal-proġetti. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU se jkun kumplimentari għal attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa taħt programmi ta' għestjoni kondiviża.

Fl-aħħar nett, il-Portal tal-InvestEU se jsaħħaħ il-viżibbiltà ta' opportunitajiet ta' investiment fl-UE u b' hekk għandu jgħin lill-promoturi tal-proġetti fit-tfittxija tal-finanzjament.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

Il-proposta hija allinjata bis-siġħ mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti peress li l-Programm InvestEU jipprovdi l-garanzija tal-UE sabiex fondi baġitarji tal-UE jintużaw b'mod effiċjenti meta operazzjonijiet b'kapaċità li jiġġeneraw id-dħul jiġu ffinanzjati skont l-għanijiet tal-politika tal-UE. Dawn jinkludu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, il-Pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija tal-Mobilità b'Emissjonijiet Baxxi, l-Istrateġija dwar l-Ispazju u d-Difiża għall-Ewropa. Fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, il-Fond InvestEU jappoġġa minn perspettiva ta' finanzjament dawn l-istrateġiji li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-Programm InvestEU huwa kumplimentari għall-finanzjament tal-għotjiet u għal azzjonijiet oħra taħt l-oqsma ta' politika li jappoġġa, bħall-Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Programm tal-Kompetittività tal-SMEs u l-Istatistika Ewropea, il-Programm Spazjali Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew+, l-Ewropa Kreattiva, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u l-Fond Ewropew għad-Difiża. Is-sinerġiji mal-istrumenti tal-politika esterna se jkunu żgurati, fejn ikun rilevanti.

It-taħlit mal-finanzjament tal-għotjiet se jiżgura l-kumplimentarjetà mal-programmi l-oħra ta' nfiq.

Il-Programm InvestEU huwa wkoll kumplimentari għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' ċerti Fondi b'għestjoni kondiviża (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) permezz ta' prodotti finanzjarji, l-Istati Membri se

jkollhom il-possibbiltà li jistrieħu fuq il-Programm InvestEU. Din hija simplifikazzjoni ewlenija meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali peress li se japplika biss sett wieħed ta' regoli f'dan il-każ.

L-azzjonijiet tal-Programm InvestEU jenħtieġ li jintużaw sabiex jindirizzaw fallimenti tas-suq, jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma jiġi dduplikati jew sostitwit il-finanzjament privat u jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar. Dan jiżgura konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Programm u r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 173 (Industrija) u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 (Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

F'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita, il-bażi ġuridika msemmija tirrifletti l-kontenut prinċipali tal-proposta. Il-proċeduri stabbiliti għaż-żewġ Artikoli rigward il-bażi ġuridika huma l-istess (il-proċedura leġiżlattiva ordinarja).

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-Programm InvestEU se jkopri l-investimenti u l-aċċess għall-finanzi li jappoġġaw il-prijoritajiet tal-politika tal-UE billi jindirizza l-fallimenti tas-suq u d-diskrepanzi fl-investment mal-UE kollha. Dan jappoġġa wkoll it-tfassil, l-iżvilupp u l-ittestjar tas-suq madwar l-UE ta' prodotti finanzjarji innovattivi, u s-sistemi li jxerrduhom, għal fallimenti tas-suq jew diskrepanzi fl-investment ġodda jew kumplessi.

Il-kompartiment volontarju tal-Istat Membru jippermetti li jiġu indirizzati fallimenti tas-suq u diskrepanzi fl-investment speċifiċi għall-pajjiż filwaqt li jibbaża ruħu fuq prodotti finanzjarji mfassla fil-livell ċentrali, u b'hekk jiżgura użu ġeografiku tar-riżorsi aktar effiċjenti fejn dan ikun iġġustifikat. Dan jippermetti li l-Istati Membri jimplimentaw parti mill-fondi tagħhom taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) permezz tal-Fond InvestEU.

L-istruttura proposta b'żewġ kompartimenti f'kull sezzjoni ta' politika tippermetti applikazzjoni effettiva tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Barra minn hekk, iż-żewġ kompartimenti f'kull sezzjoni se jaqsmu l-istess regoli tal-Fond InvestEU, u dan se jippermetti qafas aktar ċar u sempliċi għall-użu ta' sorsi differenti ta' fondi tal-UE.

• Proporzjonalità

L-għanijiet fit-tul tal-UE rigward is-sostenibbiltà, il-kompetittività u t-tkabbir inklużiv jeħtieġu investimenti sinifikanti f'oqsma ta' politika differenti. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, mudelli ġodda relatati mal-mobbiltà, mal-enerġija rinnovabbli, mal-effiċjenza fl-enerġija, mal-kapital naturali, mal-innovazzjoni, mad-diġitalizzazzjoni, mal-ħiliet, mal-infrastruttura soċjali, mal-ekonomija ċirkolari, mal-azzjoni klimatika, mal-oċeani u mal-ħolqien u mat-tkabbir ta' negozji żgħar.

Jenħtieġu sforzi mġedda biex jiġu ttrattati l-frammentazzjoni persistenti tas-suq u l-fallimenti tas-suq ikkawżati mill-biża' tal-investituri privati mir-riskji, mill-kapaċità limitata ta' finanzjament tas-settur pubbliku u mill-ineffiċjenzi strutturali tal-ambjent tal-investment. L-

Istati Membri ma jistgħux inaqqsu waħedhom b'mod suffiċjenti dawn id-diskrepanzi fl-investment.

Intervent fil-livell tal-UE jiżgura li tkun tista' tiġi sfruttata massa kritika ta' riżorsi sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-investment fuq il-post. Il-proposta ma tissostitwix l-investment tal-Istat Membru iżda għall-kuntrarju hija kumplimentari għal dawn l-investimenti, billi tiffoka b'mod partikolari fuq appoġġ għal proġetti li jipprovdu valur miżjud tal-UE. Barra minn hekk, l-intervent fil-livell tal-UE jipprovdi ekonomiji ta' skala fl-użu ta' prodotti finanzjarji innovattivi billi jikkatalizza investment privat fl-UE kollha u jagħmel l-aħjar użu mill-Istituzzjonijiet Ewropej u mill-għarfien espert tagħhom għal dan il-għan. Intervent tal-UE jipprovdi wkoll aċċess għal portafoll diversifikat ta' proġetti Ewropej, u b'hekk jikkatalizza l-investment privat u jippermetti l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet finanzjarji innovattivi li jistgħu jiġu mkabbra jew irreprikati, kif xieraq, fl-Istati Membri kollha.

L-intervent, fil-livell tal-UE huwa l-unika għodda li kapaċi tindirizza b'mod effettiv il-ħtiġijiet tal-investment marbuta mal-għanijiet ta' politika mifruxa mal-UE kollha. Barra minn hekk, ir-riformi strutturali u ambjent regolatorju mtejjeb se jibqgħu meħtieġa biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fl-investment li jkun fadal fil-perjodu 2021-2027.

- **L-għażla tal-istrument**

L-għan tal-proposta huwa li tipprovdi strument uniku li jipprovdi garanzija baġitarja tal-UE biex isejjes operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt biex jibni fuq is-suċċess tal-FEIS u tal-strumenti finanzjarji preċedenti filwaqt li jqis it-tagħlimiet meħuda dwar, fost l-oħrajn, l-evitar tal-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni possibbli. Għalhekk qiegħed jiġi propost Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-adeqgatezza tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-proposta tibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji predeċessuri u tal-FEIS. B'mod partikolari, fl-2018 saret evalwazzjoni indipendenti tal-FEIS [daħħal ir-referenzi għall-evalwazzjoni esterna u d-dokument ta' ħidma tal-persunal] flimkien ma' għadd ta' evalwazzjonijiet oħra dwar il-FEIS sa mill-bidu tiegħu:

- Evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u dwar il-funzjonament tal-fond ta' garanzija tal-FEIS¹ akkumpanjat b'opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri²,
- Valutazzjoni tal-BEI dwar il-funzjonament tal-FEIS³ (Ottubru 2016) u
- valutazzjoni esterna indipendenti dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-FEIS⁴ (Novembru 2016).

Is-sejbiet ewlenin ta' dawn il-valutazzjoni nġabru fil-qosor fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa (COM (2016) 764)⁵.

¹ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:52016SC0297&from=EN>

² https://www.eca.europa.eu/Lists/News/NEWS1611_11/OP16_02_EN.pdf

³ <http://www.eib.org/infocentre/publications/all/evaluation-of-the-functioning-of-the-efsi.htm>

⁴ https://ec.europa.eu/commission/publications/independent-evaluation-investment-plan_en

Il-valutazzjonijiet kollha sabu li l-Garanzija tal-UE kienet rilevanti u ppermettiet lill-BEI iwettaq attivitajiet riskjużi u jintroduċi prodotti ta' riskju ogħla biex jappoġġa firxa usa' ta' benefiċjarji. Il-FEIS ta' wkoll prova li kien għodda rilevanti biex jimmobilizza l-kapital privat. F'termini ta' governanza, l-evalwazzjoni indipendenti tal-2018 enfasizzat l-importanza tal-Kumitat tal-Investment għall-kredibbiltà tal-iskema, it-trasparenza tad-deċiżjonijiet tiegħu u l-kwalità tat-tabella ta' valutazzjoni, li ġiet evalwata bħala għodda rilevanti li tippermetti approċċ konsistenti għall-preżentazzjoni tal-proġetti u għall-ġbir fil-qosor tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni.

Abbażi ta' operazzjonijiet iffirmati, il-FEIS immobilizza EUR 207 biljun ta' investment sal-aħħar tal-2017, li jikkorrispondi għal 66 % tal-mira. Dan żdied għal EUR 256 biljun għal operazzjonijiet approvati u jikkorrispondi għal 81 % tal-mira. Bl-estrapolazzjoni ta' din it-tendenza għal sitt xhur oħra bit-tlestija tal-FEIS f'nofs l-2018, l-investment immobilizzat minn operazzjonijiet approvati mistenni jilħaq il-mira ta' EUR 315-il biljun sa nofs l-2018 jew ftit wara.

L-evalwazzjonijiet innutaw xi konċentrazzjoni fl-Istati Membri b'kapaċitajiet istituzzjonali żviluppati sew. Madankollu jekk l-investment immobilizzat jittqies b'mod relattiv mal-Prodott Domestiku Gross tal-Istati Membri, din il-konċentrazzjoni tidher ħafna inqas evidenti. Madankollu, sabiex itejjeb aktar il-bilanċ ġeografiku, il-FEIS 2.0 saħħaħ ir-rilevanza taċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti.

Fil-31 ta' Diċembru 2017, l-effett multiplikatur attwali tal-FEIS kien ġeneralment konformi ma' dak li kien ġie vvalutat mill-bidu nett – multiplikatur aggregat globali ta' 13,5 miksub sa tmiem l-2017 inqabel mal-mira ta' 15 fi tmiem il-perjodu tal-investment. Il-FEIS kien effettiv ukoll fil-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati. Madwar 64 % tal-investment immobilizzat kien mis-settur privat.

F'termini ta' effiċjenza, id-disponibbiltà tal-Garanzija tal-UE wriet li hija għodda effiċjenti biex iżżid b'mod konsiderevoli l-volum ta' operazzjonijiet aktar riskjużi mill-Bank Ewropew tal-Investment. B'mod partikolari, il-Garanzija tal-UE tiffriża inqas riżorsi baġitarji apparagun ma' strumenti finanzjarji, għax teħtieġ proviżjonament prudenti imma limitat apparagun mal-livell tal-impenn finanzjarju. Dan iġorr responsabbiltà kontinġenti u għaldaqstant mistenni jikseb ekonomiji ta' skala li jirriżultaw f'investment ogħla mmobilizzat għal kull euro li jintefaq. L-evidenza analizzata bħala parti mill-evalwazzjoni indipendenti fl-2018 indikat ukoll b'mod ċar li d-daqs tal-Garanzija tal-UE fl-FEIS kien xieraq. Instab ukoll li l-approċċ użat għall-immudellar tar-rata fil-mira tal-FEIS kien fil-biċċa l-kbira adegwat u konformi mal-istandards tal-industrija iżda ġew proposti xi żviluppi ulterjuri.

Garanzija baġitarja tat ukoll prova li hija iktar effiċjenti f'termini ta' spejjeż għall-baġit tal-UE, peress li din tillimita l-ħlas ta' tariffi maniġerjali lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Fil-każ tal-FEIS, l-UE tiġi wkoll remunerata għall-Garanzija tal-UE pprovduta taħt is-Sezzjoni tal-Infrastruttura u l-Innovazzjoni.

L-evalwazzjoni indipendenti tal-2016 enfasizzat il-ħtieġa li jiġi ddefinit u kkjarifikat aħjar il-kunċett tal-addizzjonalità. Għaldaqstant, ir-Regolament tal-FEIS 2.0 jinkludi diversi miżuri li jiċċaraw il-kunċett u l-kriterji u għamel il-proċess aktar trasparenti.

L-evalwazzjoni indipendenti tal-2018, li setgħet tivvaluta biss l-operazzjonijiet approvati taħt il-FEIS u għalhekk ma setgħetx tittestja l-miżuri l-ġodda tal-FEIS 2.0, ikkonfermat il-ħtieġa li jiġu ċċarati aktar il-kunċett tal-addizzjonalità u d-definizzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' investment subottimali. B'mod partikolari, din ikkonkludiet li l-operazzjonijiet tal-FEIS

⁵ <http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2016/EN/COM-2016-764-F1-EN-MAIN.PDF>

huma kkaratterizzati minn livell oġhla ta' riskju apparagun ma' operazzjonijiet standard (mhux tal-FEIS) mill-Bank Ewropew tal-Investment kif jirrikjedi r-Regolament tal-FEIS. Madanakollu, l-varji eżerċizzji ta' sħarriġ u l-intervisti indikaw li taħt is-Sezzjoni tal-Infrastruttura u l-Innovazzjoni tal-FEIS setgħu żviluppaw każi ta' esklużjoni. Ikun importanti li tiġi evitata din is-sitwazzjoni fil-Programm InvestEU.

L-evalwazzjoni indipendenti tal-2018 enfasizzat ukoll il-valur miżjud mhux finanzjarju li jattira investituri ġodda, jipprovdi dimostrazzjonijiet u ttestjar tas-suq ta' prodotti u mudelli ta' finanzjament ġodda, u jappoġġa u jaddotta standards oġhla ta' operazzjonijiet minn fornituri ta' servizzi finanzjarji.

L-evalwazzjoni tal-BEI tal-2016 u l-evalwazzjoni indipendenti tal-2018 ikkonfermaw it-tfexkil inizjali li kkawża l-FEIS għal strumenti finanzjarji oħra fil-livell tal-UE bl-offerta ta' prodotti finanzjarji simili – b'mod partikolari l-istrument ta' dejn taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u parti mill-InnovFin – li ġie parzjalment solvut permezz ta' ffokar mill-ġdid tal-istrumenti eżistenti lejn segmenti ġodda tas-suq.

Il-proposta għall-Fond InvestEU tibni wkoll fuq tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji predeċessuri li jkopru għexieren ta' snin (il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Orizzont 2020, COSME, eċċ.) u ta' strumenti mnedija taħt oqfsa finanzjarji preċedenti bħall-Programm Kompetittività u Innovazzjoni (CIP). B'mod ġenerali, dawn l-evalwazzjonijiet jikkonfermaw li jeżistu diskrepanzi fil-finanzjament fl-Ewropa fis-setturi u fl-oqfsa ta' politika koperti mill-istrumenti finanzjarji tal-UE, u li l-appoġġ għall-investment fil-livell tal-UE jibqa' rilevanti u neċessarju sabiex jiġu ssodisfati l-għanijiet tal-politika tal-UE. Madankollu, huma jenfasizzaw ukoll li jenħtieġ li tissaħħaħ il-koerenza bejn l-istrumenti finanzjarji differenti fil-livell tal-UE u ma' inizjattivi oħrajn tal-UE, li jenħtieġ li jiġu sfruttati aħjar is-sinerġiji mal-inizjattivi nazzjonali u reġjonali u li teżisti duplikazzjoni fost l-istrumenti attwali. Huma jindikaw il-ħtieġa ta' koordinazzjoni u tfassil aħjar ta' strumenti ta' appoġġ għall-investment sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun id-duplikazzjonijiet potenzjali. L-espansjoni tal-attivitajiet ħolqot il-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni ġenerali tal-azzjonijiet, billi tiġi evitata l-proliferazzjoni mhux meħtieġa u billi jintlaħqu sinerġiji akbar.

Rigward l-istrumenti COSME li joffru appoġġ lill-SMEs li huma kruċjali għall-kompetittività futura tal-Unjoni, l-evalwazzjonijiet juru li dawn l-istrumenti huma mirfuda minn loġika b'saħħitha tal-falliment tas-suq u li huma mmexxija mir-restrizzjonijiet fl-aċċess għall-finanzi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-SMEs. B'mod partikolari negozji ġodda, SMEs iżgħar u dawk li ma għandhomx biżżejjed kapital ta' garanzija huma ffaċċjati b'nuqqasijiet persistenti u strutturali tas-suq għall-finanzjament tad-dejn prevalenti madwar l-UE. Il-Qorti tal-Awdituri sabet f'Rapport Speċjali li l-faċilità ta' garanzija għall-SMEs kellha impatt pożittiv fuq it-tkabbir tal-SMEs appoġġati. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, huwa meħtieġ immirar aħjar tal-benefiċjarji u aktar koordinazzjoni ma' skemi nazzjonali⁶.

Speċifikament rigward l-istrumenti finanzjarji InnovFin taħt l-Orizzont2020, l-evalwazzjonijiet juru li l-aċċess għall-finanzi jibqa' kwistjoni essenzjali sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-Ewropa. Dawn jikkonfermaw li l-istrumenti finanzjarji tal-InnovFin marru tajjeb f'kuntast ta' domanda dejjem tikber għal finanzjament ta' riskju għar-riċerka u l-innovazzjoni, u għamluha possibbli għall-Grupp tal-BEI biex ikopri segmenti ġodda aktar riskjużi. Madankollu, għal darb'oħra, ġiet enfasizzata l-ħtieġa li jissaħħu s-sinerġiji ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-UE, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ostakoli li għad baqa' fil-kuntast ta' għajnuna għall-kumpaniji innovattivi biex jikbru minn stadju bikri għal stadju ta' espansjoni. Ġie rrimarkat ukoll li kien biss għadd relattivament

⁶ <https://www.eca.europa.eu/en/Pages/DocItem.aspx?did=44174>

żgħir mid-ditti li rċevew għotjiet taħt l-Orizzont 2020 li bbenefikaw ukoll minn strumenti finanzjarji taħt l-Orizzont 2020, u li dan jista' jxekkel it-tkabbir tal-kumpaniji innovattivi.

Il-Fond InvestEU se jibni fuq dawn l-esperjenzi u se jimmira lejn riċevituri tar-riċerka u l-innovazzjoni (inklużi SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja innovattivi) sabiex jipprovdihom aċċess aħjar għall-finanzi fl-istadji kollha tal-iżvilupp tagħhom. Dan se jisfrutta s-sinerġiji bejn l-għotja u l-finanzjament ibbażat fuq is-suq billi jiffaċilita t-taħlit. Barra minn hekk, il-verifika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fuq il-faċilità ta' garanzija rrakkomandat li l-benefiċjarji jiġu mmirati aħjar lejn kumpaniji aktar innovattivi. Billi jgħaqqad l-għarfien espert u r-riżorsi, il-Fond InvestEU se jiffoka dejjem aktar l-appoġġ tiegħu fuq kumpaniji li jidħlu f'attivitajiet ta' innovazzjoni b'riskji ogħla.

Fil-qasam soċjali u fir-rigward tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), hemm evidenza empirika li l-investimenti f'infrastruttura soċjali, f'intrapriżi soċjali li jipproduċu l-oġġetti ("assi tanġibbli") kif ukoll f'servizzi soċjali, f'ideat u f'persuni ("assi intanġibbli") huma kruċjalment nieqsa fl-Unjoni, iżda jibqa' kritiku għall-Istati Membri tagħha biex dawn jiżviluppaw f'soċjetà ġusta, inklużiva u bbażata fuq l-għarfien.

Il-mikrofinanzi u l-intrapriżi soċjali fl-Ewropa għadhom żviluppi riċenti u parti minn suq emerġenti li għadu mhux żviluppat għalkollox. Kif enfasizzat mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-EaSI mwettqa fl-2017, l-istrumenti finanzjarji tal-EaSI appoġġaw lil persuni vulnerabbli u lil mikrointrapriżi u ffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi għal intrapriżi soċjali, u b'hekk kisbu impatt soċjali sinifikanti. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-iskjerament tal-potenzjal sħiħ muri mir-riżultati miksuba s'issa jiġġustifika l-kontinwità tal-appoġġ ta' investment fil-qasam soċjali u l-ħtieġa li tiġi pprovduta robustezza addizzjonali li għandha tiġi taħt InvestEU.

Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt dwar il-Programm InvestEU jinkludi sommarju dettaljat tar-riżultati ta' din l-evalwazzjoni.

• **Konsultazzjonijiet ma' partijiet interessati**

L-evalwazzjoni tal-impatt ibbażat ruħha fuq il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa (OPC, Open Public Consultation) dwar fondi tal-UE fil-qasam tal-investment, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-SMEs u s-suq uniku u b'mod partikolari dwar it-tweġibiet relatati mas-Sostenn tal-UE għall-Investment⁷.

Din il-proposta tqis ir-riżultati ta' din l-OPC. B'mod partikolari l-biċċa l-kbira tar-rispondenti esprimew l-opinjoni li l-appoġġ attwali tal-UE għall-investment ma jindirizzax biżżejjed l-isfidi ta' politika bħat-tnaqqis tal-qgħad, l-appoġġ għall-investment soċjali, l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni diġitali, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi b'mod partikolari għall-SMEs, l-iżgurar ta' ambjent nadif u san u l-appoġġ għall-iżvilupp industrijali.

Ir-rispondenti enfasizzaw l-importanza ta' sfidi ta' politika li jinsabu mifruxa mal-UE kollha, fost oħrajn f'oqsma bħar-riċerka, l-appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ, ambjent nadif u san u tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ċirkulari, u t-tnaqqis tal-qgħad.

Madwar 60 % tar-rispondenti li wieġbu għall-OPC dwar l-Infrastruttura Strateġika esprimew l-opinjoni li d-diffikultà għall-aċċess għal strumenti finanzjarji hija ostaklu li jipprevjeni lill-programmi attwali milli jiksbu għanijiet ta' politika b'suċċess.

⁷ Din kienet subparti tal-OPC dwar l-investment, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-SMEs u s-suq uniku. https://ec.europa.eu/info/consultations/public-consultation-eu-funds-area-investment-research-innovation-smes-and-single-market_en

Il-maġġoranza l-kbira tal-parteċipanti appoġġaw il-passi identifikati li jistgħu jgħinu fis-simplifikazzjoni u fit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. B'mod partikolari, dan kien jinkludi inqas regoli, regoli aktar ċari u iqsar, allinjament tar-regoli mal-fondi tal-UE, kif ukoll qafas stabbli iżda flessibbli bejn il-perjodi ta' programmazzjoni.

Il-proposta għandha l-għan li tindirizza dawn ir-riżultati billi ssaħħaħ il-konċentrazzjoni fuq il-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni fil-kuntest tal-appoġġ fil-qafas tal-Fond InvestEU. Is-sett uniku ta' regoli stabbiliti mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jindirizza l-kwistjoni ta' duplikazzjoni possibbli u b'mod partikolari jagħmilha aktar faċli għar-riċevituri finali biex jitolbu appoġġ. Il-Fond InvestEU għandu wkoll flessibilità intrinsika li tippermettilu jiġi aġġustat għall-iżvilupp ta' sitwazzjonijiet u ħtiġijiet tas-suq. Ir-rekwiżiti tar-rappurtar ġew ukoll armonizzati.

- **Għarfien espert estern**

Twettqet evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u r-Regolamenti emendatorji (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi⁸ kif spjegat taħt is-subintestatura 'Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti'. Din ġiet ippubblikata flimkien ma' din il-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt [*daħħal ir-referenza għall-Valutazzjoni tal-Impatt*] teżamina fid-dettall l-isfidi ewlenin għall-MFF li jmiss, b'mod partikolari d-diskrepanzi fl-investiment u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali f'oqsma differenti ta' politika bħar-riċerka u l-innovazzjoni, l-infrastruttura sostenibbli, il-finanzjament tal-SMEs kif ukoll l-investiment soċjali. Din tanalizza u tispjega l-għażliet għall-istruttura proposta tal-Fond InvestEU, għall-governanza, għall-azzjonijiet immirati, għall-prodotti finanzjarji u għar-riċevituri finali tagħha. Fejn xieraq, il-valutazzjoni tal-impatt tiddekrivi s-soluzzjonijiet alternattivi kkunsidrati u tispjega r-raġunament għall-għażliet proposti. Dan b'mod partikolari jirrelata mal-loġika għall-ħolqien ta' strument uniku ta' appoġġ għall-investiment, il-mekkaniżmi eżekuttivi u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u għall-istruttura ta' governanza proposta.

Il-valutazzjoni tal-impatt tenfasizza li l-esperjenza attwali mal-istrumenti finanzjarji tal-UE u l-garanzija baġitarja tal-FEIS uriet ħtieġa għal simplifikazzjoni, razjonalizzazzjoni u koordinazzjoni aħjar tal-istrumenti ta' appoġġ għall-investiment tal-UE matul l-MFF li jmiss. L-esperjenza tal-FEIS żvelat ukoll benefiċċji sinifikanti u kisbiet fl-effiċjenza inerenti fl-użu, fejn possibbli, ta' garanzija baġitarja minflok ta' strumenti finanzjarji tradizzjonali.

Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika l-karatteristiċi ewlenin li ġejjin għall-Fond InvestEU:

- Struttura waħda, ikkomunikata direttament lill-intermedjarji finanzjarji, lil promoturi ta' proġetti u lil destinatarji finali li jkunu qed ifittxu finanzjament.
- Żieda fl-ingranaġġ u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi baġitarji permezz tal-użu ta' garanzija baġitarja unika li ssejjes il-prodotti finanzjarji differenti li jindirizzaw portafoll diversifikat ta' riskji. Dawn jippreżentaw titjib fl-effiċjenza apparagun mal-għażla li jkun hemm strumenti finanzjarji differenti jew garanziji baġitarji ċentralizzati li jindirizzaw medda limitata ta' riskji, minħabba li jeħtieġu rata ta' proviżjonament aktar baxxa filwaqt li jipprovdu livell ekwivalenti ta' protezzjoni.

⁸ ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.

- Offerta ssimplifikata u ffokata ta' strumenti ta' appoġġ għall-investment li jimmiraw lejn l-għanijiet ewlenin tal-politika tal-UE. Din l-offerta tippermetti wkoll it-tlaqqiġ tal-għotjiet u tal-finanzi minn programmi differenti tal-UE, is-self konvenzjonali tal-BEI jew l-finanzi privati.
- Il-kapaċità li jitwasslu strumenti speċifiċi għas-settur biex jappoġġaw fallimenti partikolari tas-suq (pereżempju t-Tbaħħir Ekeologiku, proġetti ta' dimostrazzjoni tal-enerġija, il-kapital naturali).
- Miżuri ta' flessibilità li se jippermettu li l-Fond InvestEU jirreaġixxi malajr għall-bidliet tas-suq u l-prijoritajiet tal-politika li jevolvu maż-żmien.
- Governanza integrata u struttura ta' implimentazzjoni li ssaħħaħ il-koordinazzjoni interna u tqawwi l-pożizzjoni tal-Kummissjoni lejn is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dan iwassal ukoll għal effiċjenzi fl-infiq maniġerjali, għall-evitar ta' duplikazzjonijiet u ta' duplikazzjoni u għal żieda fil-viżibbiltà għall-investituri.
- Rekwiżiti ssimplifikati ta' rappurtar, monitoraġġ u kontroll. Minħabba l-qafas uniku, il-Fond InvestEU se jipprevedi regoli ta' monitoraġġ u rappurtar integrati u ssimplifikati.
- Komplementarjetà aħjar bejn programmi ġestiti b'mod ċentrali u dawk b'ġestjoni kondiviża. Dan jinkludi possibbiltà għall-Istati Membri biex jikkanalizzaw allokazzjonijiet ta' ġestjoni kondiviża permezz tal-Fond InvestEU (fil-kompartiment tal-Istat Membru).
- Assoċjazzjoni taċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU mal-Fond InvestEU sabiex jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sensiela ta' proġetti bankabbli.

Il-medda ta' interventi previsti taħt il-Fond InvestEU se tkun implimentata permezz ta' prodotti differenti li jimmiraw għal riskji differenti li b'mod inerenti jeħtieġu rati ta' proviżjonament għolja, medji jew baxxi, skont it-tip ta' kopertura tal-garanzija pprovduta u l-operazzjonijiet appoġġati. Il-Kummissjoni se tippovdi gwida u tissorvelja l-użu u r-riskji mġarrba taħt prodotti differenti, sabiex tiżgura li l-portafoll ġenerali jkun kompatibbli mar-rata ta' proviżjonament stabbilita fil-proposta.

Fis-27 ta' April 2018, il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju ħareġ opinjoni pożittiva b'xi riżervi. [daħħal il-hyperlink għall-opinjoni tar-RSB] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Evalwazzjoni tal-Impatt [daħħal ir-referenza/link] jindirizza l-kwistjonijiet imqajma. Issa r-rapport jispjega aħjar id-dupplikazzjonijiet attwali bejn il-FEIS u strumenti finanzjarji mmaniġġjati ċentralment. Huwa jiċċara wkoll kif il-potenzjal ta' duplikazzjoni se jiġi evitat fil-Fond InvestEU. Barra minn hekk, l-għażla tal-istruttura ta' governanza proposta kif ukoll ir-rwol tal-korpi differenti huma ppreżentati f'aktar dettall. Dan jinkludi paragon tal-arranġamenti ta' governanza li bħalissa qed jintużaw għall-FEIS u l-istrumenti finanzjarji ma' dak propost fil-qafas tal-Fond InvestEU. Ġiet miżjuda kjarifika addizzjonali dwar is-suppożizzjonijiet għal-livell previst ta' riskju u r-rata ta' proviżjonament, inkluż aktar spjegazzjonijiet dwar il-funzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju fl-istruttura ta' governanza.

- **Simplifikazzjoni**

Sitwazzjonijiet ta' investment subottimali attwalment qed jiġu indirizzati permezz ta' portafoll eteroġenu u frammentat ta' strumenti finanzjarji tal-UE u tal-FEIS. Din is-sitwazzjoni twassal ukoll għal kumplessità għall-intermedjarji u r-riċevituri finali li huma ffaċċjati b'regoli ta' eliġibbiltà u rappurtar differenti.

L-għan tal-Fond InvestEU huwa li jissimplifika l-appoġġ għall-investment tal-UE billi jistabbilixxi qafas uniku li jgħin biex titnaqqas il-kumplessità. Minħabba għadd iżgħar ta' ftehimiet taħt sett uniku ta' regoli, il-Fond InvestEU se jissimplifika l-aċċess tal-benefiċjarji finali għall-appoġġ tal-UE, il-governanza u l-ġestjoni tal-istrumenti ta' appoġġ għall-investment.

Barra minn hekk, peress li l-Fond InvestEU jkopri l-ħtiġijiet kollha tal-politika ta' appoġġ għall-investment, huwa jippermetti r-razzjonalizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar u tal-indikaturi tal-prestazzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha ebda impatt sinifikanti fuq il-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Skont il-Komunikazzjoni⁹ tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2021-2027, il-qafas baġitarju (impenji fi prezzijiet kurrenti) previst għall-Programm InvestEU huwa ta' EUR 14 725 000 000, inklużi EUR 525 000 000 għall-assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti u miżuri ta' akkumpanjament oħra. Il-proviżjonament ġenerali se jammonta għal EUR 15 200 000 000, li minnhom EUR 1 000 000 000 huma koperti mid-dħul, mill-ħlasijiet lura u l-irkupri ġġenerati mill-istrumenti finanzjarji eżistenti u l-FEIS. F'konformità mal-[Artikolu 211(4)(d)] tar-[Regolament Finanzjarju], id-dħul u l-irkupri mill-Fond InvestEU għandhom jipprovdu wkoll kontribuzzjonijiet addizzjonali għall-proviżjonament.

Din il-proposta fiha dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Fond InvestEU (il-garanzija tal-UE) se jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni indiretta. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi l-ftehim ta' garanzija neċessarju mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU se jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni indiretta jew diretta skont in-natura tal-assistenza. Il-Portal tal-InvestEU se jkun prinċipalment implimentat permezz ta' ġestjoni diretta.

L-impatt tal-Programm InvestEU se jiġi vvalutat permezz ta' evalwazzjonijiet. Se jitwettqu evalwazzjonijiet skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016¹⁰, li fih it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u tal-politika eżistenti jenħtieġ li jiffurmaw il-bażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-għażliet għal iktar azzjoni. L-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-effetti tal-Programm InvestEU fir-realtà bbażati fuq l-indikaturi/il-miri tal-Programm InvestEU u fuq analiżi dettaljata tal-grad sa fejn il-Programm InvestEU jista' jiġi meqjus rilevanti, effettiv, effiċjenti, jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u huwa koerenti ma' politiki oħrajn tal-UE. Se jinkludu l-lezzjonijiet miksuba għall-identifikazzjoni ta' kwalunkwe nuqqasijiet/problemi jew kwalunkwe potenzjal sabiex ikomplu jittejjbu l-azzjonijiet jew ir-riżultati tagħhom u biex jgħinu jimmassimizzaw l-isfruttament/impatt tagħhom. Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni jitkejjel abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-proposta. Barra minn dawn l-indikaturi prinċipali, indikaturi

⁹ COM(2018)321 finali.

¹⁰ Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

aktar dettaljati se jiġu inklużi fil-linji gwida dwar l-investimenti jew fil-ftehimiet ta' garanzija fuq il-bażi tal-prodotti finanzjarji speċifiċi li għandhom jiġu skjerati. Barra minn hekk, indikaturi speċifiċi se jiġu żviluppati għaċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU u għall-Portal InvestEU.

Se jintalab rappurtar armonizzat mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni f'konformità mar-[Regolament Finanzjarju].

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kapitolu I – Dispożizzjonijiet ġenerali

Id-dispożizzjonijiet ġenerali jipprovdu għall-għanijiet ġenerali u speċifiċi tal-Programm InvestEU li mbagħad jiġu riflessi fis-sezzjonijiet ta' politika.

L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li għandhom ikunu appoġġati mill-garanzija tal-UE taħt il-Fond InvestEU għandhom jikkontribwixxu (i) għall-kompetittività tal-Unjoni, inkluża l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni; (ii) għas-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-Unjoni u għat-tkabbir tagħha; u (iii) għar-reżiljenza u għall-inklużjoni soċjali. (iv) għall-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni u għat-tisħiħ tas-Suq Uniku, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, għad-diversifikazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament għal intrapriżi tal-Unjoni u għall-promozzjoni ta' finanzi sostenibbli.

L-ammont tal-garanzija tal-UE huwa propost li jkun EUR 38 000 000 000 u r-rata ta' proviżjonament 40 %, jiġifieri jenħtieġu EUR 15 200 000 000 għall-proviżjonament (iż-żewġ ammonti fi prezzijiet kurrenti). L-allokkazzjoni indikattiva tal-garanzija tal-UE bejn is-sezzjonijiet ta' politika hija stipulata fl-Anness I. Id-daqs tal-proviżjonament huwa bbażat fuq it-tip ta' prodotti finanzjarji kkonċernati u r-riskju tal-portafolli, u f'dar-rigward trid titqies l-esperjenza bil-FEIS u l-istrumenti finanzjarji preċedenti.

Huwa propost pakkett finanzjarju ta' EUR 525 000 000 (fi prezzijiet attwali) għaċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU, il-Portal tal-InvestEU u miżuri ta' akkumpanjament.

Huwa wkoll previst li pajjiżi terzi jistgħu jkunu assoċjati mal-prodotti finanzjarji fil-qafas tas-sezzjonijiet ta' politika tal-Fond InvestEU billi jipprovdu l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fi flus. Din il-possibbiltà hija prevista b'mod partikolari biex tippermetti, fejn ikun ġustifikat, il-kontinwazzjoni tal-arranġamenti eżistenti, fost l-oħrajn fil-qasam tar-riċerka, jew biex jiġu previsti possibbiltajiet għal appoġġ fir-rigward tal-proċessi ta' adeżjoni. L-Istati Membri li jixtiequ jużaw parti mill-fondi tagħhom b'ġestjoni kondiviża permezz tal-Fond InvestEU jistgħu jikkontribwixxu wkoll. Dawn l-ammonti jiġu flimkien mal-garanzija tal-UE ta' EUR 38 000 000 000 (fi prezzijiet attwali).

Kapitolu II – Il-Fond InvestEU

Dan il-Kapitolu jidentifika l-erba' sezzjonijiet ta' politika tal-Fond InvestEU: (i) l-infrastruttura sostenibbli; (ii) ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni; (iii) l-SMEs; (iv) l-investiment soċjali u l-ħiliet. Dan jiddefinixxi wkoll iż-żewġ kompartimenti tal-garanzija tal-UE: (i) il-kompartiment tal-UE; u (ii) il-kompartiment tal-Istat Membru, li se jkun magħmul minn sottokompartiment wieħed għal kull Stat Membru li jiddeċiedi li jikkontribwixxi parti mill-fondi tiegħu b'ġestjoni kondiviża fil-Fond InvestEU.

Ir-regoli speċifiċi relatati mal-kompartiment tal-Istat Membru jipprevedu ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat u jiddefinixxu l-elementi ewlenin tal-kontribuzzjoni, bħal, pereżempju, id-daqs, ir-rata ta' proviżjonament u l-obbligazzjoni kontinġenti. Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u l-istrumenti

ġuridiċi rilevanti oħrajn se jkun fihom id-dispożizzjonijiet ta' abilitazzjoni meħtieġa. Ladarba jsir it-trasferiment għall-Fond InvestEU, l-implimentazzjoni tal-kompartiment tal-Istat Membru ssegwi r-regoli tal-Fond InvestEU. Il-Kummissjoni għandha tagħżel is-sieħeb ta' implimentazzjoni abbażi ta' proposta mill-Istat Membru u tiffirma l-ftehim ta' garanzija mal-Istat Membru kkonċernat.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2021-2027 ffissat għan iktar ambizzjuż għall-integrazzjoni klimatika fil-programmi tal-UE kollha, b'mira kumplessiva ta' 25 % tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-klima. Il-kontribut tal-Programm InvestEU għall-kisba ta' din il-mira ġenerali se jiġi mmonitorjat permezz ta' sistema tal-UE għall-intraċċar tal-klima. Il-Kummissjoni se tippreżenta l-informazzjoni kull sena fil-kuntest tal-abbozz annwali tal-baġit.

Biex tappoġġa l-utilizzazzjoni sħiħa tal-potenzjal tal-Programm InvestEU li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-klima, il-Kummissjoni se tagħmel minn kollox biex tidentifika l-azzjonijiet rilevanti matul il-proċessi ta' preparazzjoni, implimentazzjoni, rieżami u evalwazzjoni tal-Programm InvestEU.

Kapitolu III – Il-garanzija tal-UE

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-garanzija tal-UE u mal-iskjerament tagħha huma ppreżentati f'dan il-Kapitolu. Dawn jinkludu l-karattru irrevokabbli u on-demand tal-garanzija tal-UE, il-perjodu ta' investiment li jkopri l-perjodu MFF, ir-rekwiżiti għall-finanzjament eliġibbli u l-operazzjonijiet ta' investiment u t-tipi eliġibbli ta' finanzjament. Is-setturi eliġibbli għall-finanzjament u għall-operazzjonijiet ta' investiment huma stipulati f'aktar dettall fl-Anness II.

Barra minn hekk, dan il-Kapitolu jstabilixxi r-rekwiżiti għas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni – li, inter alia, għandhom jgħaddu mill-valutazzjoni tal-pilastru f'konformità mar-Regolament Finanzjarju –, u għall-ftehimiet ta' garanzija bejn il-Kummissjoni u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.

Fl-għażla tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, il-Kummissjoni se tqis il-kapaċità tagħhom li jilhqgħu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u li jikkontribwixxu r-riżorsi proprji tagħhom, li jiġbdu lill-investituri privati, li jipprovdu kopertura ġeografika u settorjali adegwata u li jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw il-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati, il-kapaċità tiegħu li jopera fl-Istati Membri kollha u l-esperjenza eżistenti taħt l-istrumenti finanzjarji attwali u l-FEIS, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jenħteġ li jibqa' sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni privileġġjat fil-kompartiment tal-UE. Banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali se jiġu kkunsidrati wkoll. Barra minn hekk, se jkun possibbli li jkun hemm istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, b'mod partikolari meta jippreżentaw vantaġġ komparattiv f'termini ta' kompetenza u ta' esperjenza speċifika f'ċerti Stati Membri. Jenħteġ li jkun ukoll possibbli għal entitajiet oħra li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju sabiex jaġixxu bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. L-isħab inkarigati mill-implimentazzjoni se jkollhom ikopru mill-inqas tliet Stati Membri iżda jistgħu jiffurmaw grupp għal l-iskop.

Huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE se tiġi allokata lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji fl-Istati Membri kollha.

Jinkludi wkoll il-kopertura dettaljata tal-garanzija tal-UE fil-funzjoni tan-natura differenti tal-finanzjament li jista' jiġi pprovdut permezz tiegħu.

Kapitolu IV – Il-Governanza

Il-Fond InvestEU ikollu laqgħa tal-bord konsultattiv f'żewġ konfigurazzjonijiet: (i) rappreżentanti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni; u (ii) rappreżentanti tal-Istati Membri. Il-kompiti tiegħu jinkludu l-ġħoti ta' pariri lill-Kummissjoni dwar it-tfassil ta' prodotti finanzjarji li għandhom jiġu implimentati permezz tal-Fond InvestEU u l-ġħoti ta' pariri dwar il-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investment subottimali kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet tas-suq fil-konfigurazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Il-Bord Konsultattiv se jinforma wkoll lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-Fond tal-InvestEU u se jippermetti skambju regolari ta' fehmiet dwar l-iżviluppi tas-suq kif ukoll il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Tim tal-proġett magħmul minn esperti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni se jħejji t-tabella ta' valutazzjoni dwar il-finanzjament potenzjali u l-operazzjonijiet ta' investment għall-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Investment dwar jekk għandux jingħata jew le l-benefiċċju tal-garanzija tal-UE li daww l-operazzjonijiet. Il-Kummissjoni trid tikkonferma li operazzjoni ta' finanzjament jew investment proposta tkun konformi mal-liġi tal-UE biex dik il-proposta tiġi ppreżentata lit-tim tal-proġett.

Il-Kumitat tal-Investment japprova l-użu tal-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet tal-finanzjament u l-investment. Il-membri tiegħu għandhom ikunu esperti esterni b'kompetenza esperta fis-setturi rilevanti. Il-Kumitat se jiltaqa' f'erba' konfigurazzjonijiet differenti li jirriflettu s-sezzjonijiet ta' politika. Kull konfigurazzjoni għandha sitt membri li erba' minnhom huma membri permanenti li jieħdu sehem fil-konfigurazzjonijiet kollha. Iż-żewġ membri li jibqa' jintagħżlu biex iqisu b'mod aktar speċifiku l-oqsma koperti minn dik is-sezzjoni ta' politika partikolari.

Kapitolu V – Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU

Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU se tipprovdi appoġġ konsultattiv għall-identifikazzjoni, għall-preparazzjoni, għall-iżvilupp, għall-istrutturar, għall-akkwist u għall-implimentazzjoni ta' proġetti, inkluż il-bini tal-kapaċità relatata. Se jkun disponibbli għal promoturi ta' proġetti pubbliċi u privati kif ukoll għal intermedjarji finanzjarji u intermedjarji oħrajn.

Kapitolu VI – Il-Portal tal-InvestEU

Il-Portal tal-InvestEU se jiġi stabbilit, filwaqt li jibni fuq l-esperjenza tal-Portal tal-Proġetti fil-qafas tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa. Huwa se jinkludi kontrolli sistematiċi tal-konsistenza tal-proġetti riċevuti mal-liġi u l-politiki tal-Unjoni u obbligu fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jikkunsidraw proġetti li jissodisfaw it-test tal-konsistenza li jaqgħu fl-ambitu ta' azzjoni tagħhom. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi viżibilità għal proġetti investibbli fl-UE li qed ifittxu l-finanzjament. Madankollu, proġett li ma għandux għalfejn jiġi ppubblikat fuq il-portal sabiex jibbenefika mill-finanzjament tal-UE. Bl-istess mod, is-sottomissjoni lill-Portal ma tfissirx li l-proġett fl-aħħar mill-aħħar se jibbenefika mill-garanzija tal-UE.

Kapitolu VII – Il-monitoraġġ u r-rappurtar, l-evalwazzjoni u l-kontroll

Qiegħed jiġi propost li l-użu tal-garanzija tal-UE għandu jkun evalwat permezz ta' evalwazzjoni interim u finali skont ir-rekwiżiti tar-[Regolament Finanzjarju]. Dan il-Kapitolu jipprovdi wkoll għal monitoraġġ u rappurtaġġ regolari filwaqt li jstabbilixxi l-indikaturi li l-prestazzjoni titkejjel bihom fl-Anness III. Barra minn hekk, fih dispożizzjonijiet dwar l-awditjar u dwar id-drittijiet tal-OLAF fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment f'pajjiżi terzi.

Finalment dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-proċedura għall-atti delegati u jipprevedi l-applikazzjoni tar-Regolament mill-1 ta' Jannar 2021.

Kapitolu VIII – It-trasparenza u l-viżibbiltà

Id-dispożizzjonijiet standard huma inklużi sabiex jiżguraw it-trasparenza u l-viżibbiltà adegwati.

Kapitolu IX – Id-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

Dan il-Kapitolu finali jinkludi dispożizzjonijiet fir-rigward tal-użu tad-dħul, tal-ħlasijiet lura u tal-irkupri mill-programmi predeċessuri. Lista ta' dawg il-programmi, barra mill-FEIS, tinsab fl-Anness IV.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm InvestEU

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 173 u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni¹²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja

Billi:

- (1) B'1,8 % tal-PDG tal-UE, jiġifieri perċentwal inqas mit-2,2 % tal-2009, l-attivitajiet ta' investiment fl-infrastruttura fl-Unjoni fl-2016 kienu madwar 20 % inqas mir-rati tal-investiment ta' qabel il-kriżi finanzjarja globali. Għalhekk, filwaqt li jista' jiġi osservat irkupru fil-proporzjonijiet ta' bejn l-investiment u l-PDG fl-Unjoni, dan għadu taħt dak li jista' jkun mistenni f'perjodu ta' rkupru qawwi u mhuwiex biżżejjed biex jikkompensa għal snin ta' nuqqas ta' investiment. Aktar importanti minn hekk, il-livelli u t-tbassir attwali tal-investiment ma jkoprox il-ħtiġijiet ta' investiment strutturali tal-Unjoni quddiem il-bidla teknoloġika u l-kompetittività globali, inklużi l-innovazzjoni, il-ħiliet, l-infrastruttura, l-intrapriżi żgħar u medji (l-“SMEs”) u l-ħtieġa li jiġu indirizzati sfidi soċjetali ewlenin bħas-sostenibbiltà jew it-tixjiħ demografiku. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jitkompla l-appoġġ biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment f'setturi mmirati sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni.
- (2) L-evalwazzjonijiet enfasizzaw li l-varjetà ta' strumenti finanzjarji mogħtija matul il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 wasslet għal xi duplikazzjonijiet. Din il-varjetà pproduċiet ukoll kumplessità għall-intermedjarji u r-riċevituri finali li ġew iffaċċjati b'regoli ta' eliġibbiltà u rappurtar differenti. L-assenza ta' regoli kompatibbli xekklet ukoll il-kombinazzjoni ta' bosta fondi tal-Unjoni, għalkemm kombinazzjoni bħal din kienet tkun ta' benefiċċju għall-appoġġ ta' proġetti li kienu jeħtieġu tipi differenti ta' finanzjament. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit fond uniku, jiġifieri l-Fond InvestEU, sabiex jinkiseb appoġġ li jiffunzjona b' mod aktar effiċjenti għar-riċevituri finali billi l-offerta finanzjarja tiġi integrata u ssimplifika taħt skema

¹¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

¹² ĠU C [...], [...], p. [...].

waħda ta' garanzija baġitarja, u b'hekk jittejjeb l-impatt tal-intervent tal-Unjoni filwaqt li titnaqqas l-ispiża għall-baġit tal-Unjoni.

- (3) Fl-aħħar snin, l-Unjoni adottat strateġiji ambizzjużi biex tlesti s-Suq Uniku u biex tistimula t-tkabbir u l-impjiegi sostenibbli, bħall-Unjoni tas-Swieq Kapitali, l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, il-Pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija tal-Mobilità b'Emissjonijiet Baxxi, l-Istrateġija għad-Difiża u l-Ispazju għall-Ewropa. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jisfrutta u jsaħħa is-sinerġiji bejn dawn l-istrateġiji li jsaħħu lil xulxin permezz tal-ġoti ta' appoġġ għall-investment u l-aċċess għall-finanzjament.
- (4) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifikata l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u li jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji tal-investimenti pluriennali nazzjonali tagħhom stess ħalli jappoġġaw dawn il-prijoritajiet ta' riforma. L-istrateġiji jenħtieġ li jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma annwali bħala mod kif jiġu deskritti u kkoordinati proġetti prijoritarji ta' investment li għandhom jiġu appoġġati minn fondi nazzjonali u/jew tal-Unjoni. Jenħtieġ li jservu wkoll biex il-fondi tal-Unjoni jintużaw b'mod koerenti u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jingħata, b'mod speċjali mill-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej, il-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investment u l-Fond InvestEU, fejn ikun rilevanti.
- (5) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi biex tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni, inkluża fil-qasam tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni, ir-reżiljenza u l-inklużività soċjali u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tagħhom u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, dan jenħtieġ li jappoġġa proġetti teknikament u ekonomikament vijabbli billi jipprovi qafas għall-użu ta' strumenti ta' dejn, ta' kondiviżjoni tar-riskju u ta' ekwità msejsa fuq garanzija mill-baġit tal-Unjoni u minn kontribuzzjonijiet minn sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dan jenħtieġ li jkun immexxi mid-domanda filwaqt li l-appoġġ permezz tal-Fond InvestEU fl-istess waqt jenħtieġ li jiffoka fuq il-kontribut favur l-ilħiq tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni.
- (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, l-investment u l-impjiegi, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjt tal-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet.
- (7) L-Unjoni approvat l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti 2030 u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Ftehim ta' Pariġi fl-2015 kif ukoll il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030. Biex jintlaħqu l-għanijiet miftiehma, inklużi dawk inkorporati fil-politiki ambjentali tal-Unjoni, l-azzjoni favur l-iżvilupp sostenibbli għandha tiżdied b'mod sinifikanti. Għalhekk, il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli jenħtieġ li jkollhom rwol prominenti fit-tfassil tal-Fond InvestEU.
- (8) Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-bini ta' sistema ta' finanzjament sostenibbli fl-Unjoni li tappoġġa r-riorjentazzjoni tal-kapital privat lejn investimenti sostenibbli skont l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli¹³.

¹³ COM(2018)97 final.

- (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.
- (10) Il-kontribut tal-Fond InvestEU għall-kisba tal-mira tal-klima se jiġi traċċat permezz ta' sistema tal-UE tal-intraċċar tal-klima żviluppata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u bl-użu xieraq tal-kriterji stabbiliti bir-[Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffaċilitar tal-investment sostenibbli¹⁴] biex jiġi ddeterminat jekk attività ekonomika tkunx ambjentalment sostenibbli.
- (11) Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-siġħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati jenħtieġ li jkunu integrati fit-tnejn u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵. Investment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità.
- (12) Proġetti ta' investment li jirċievu appoġġ sostanzjali mill-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-infrastruttura, jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-verifika tas-sostenibilità skont il-linji gwida li jenħtieġ li jiġu żviluppati mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni fil-qafas tal-Programm InvestEU u, bl-użu b'mod xieraq tal-kriterji stabbiliti mir-[Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas li jiffaċilita l-investment sostenibbli] sabiex jiġi determinat jekk attività ekonomika tkunx ambjentalment sostenibbli u koerenti mal-linji gwida żviluppati għal programmi oħra tal-Unjoni. Din il-gwida jenħtieġ li tinkludi dispożizzjonijiet adegwati biex jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ.

¹⁴ COM(2018)353.

¹⁵ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

- (13) Ir-rati baxxi ta' investiment fl-infrastruttura fl-Unjoni matul il-kriżi finanzjarja dgħajfu l-kapaċità tal-Unjoni li tagħti spinta lit-tkabbir sostenibbli, lill-kompetittività u lill-konverġenza. L-investimenti kbar fl-infrastruttura Ewropea huma fundamentali biex jintlaħqu l-miri tas-sostenibbiltà tal-Unjoni, inklużi l-miri għall-enerġija u għall-klima tal-2030. Għaldaqstant, l-appoġġ mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jkollu fil-mira tiegħu investimenti fit-trasport, fl-enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, l-azzjoni ambjentali, l-azzjoni klimatika u l-infrastruttura marittima u diġitali. Biex jiġi mmassimizzat l-impatt u l-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi promoss proċess tal-investiment irrazzjonalizzat li jippermetti l-viżibbiltà tar-riżerva tal-proġetti u konsistenza fost il-programmi rilevanti tal-Unjoni. B'kont meħud tat-theddid għas-sigurtà, proġetti ta' investiment li jirċievu l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jqisu l-prinċipji għall-ħarsien taċ-ċittadini fi spazji pubbliċi. Dan jenħtieġ li jkun kumplimentari għall-isforzi magħmula minn fondi oħra tal-Unjoni bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali li jipprovdi appoġġ għal komponenti ta' sigurtà ta' investimenti fl-ispazji pubbliċi, it-trasport, l-enerġija u infrastrutturi kritiċi oħra.
- (14) Billi l-livell ta' investiment ġenerali fl-Unjoni qed jiżdied, l-investiment f'attivitajiet ta' riskju oġhla bħar-riċerka u l-innovazzjoni għadu mhux adegwat. In-nuqqas ta' investiment li rriżulta fir-riċerka u fl-innovazzjoni qiegħed iġib ħsara fuq il-kompetittività industrijali u ekonomika tal-Unjoni u fuq il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħha. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jipprovdi l-prodotti finanzjarji xierqa biex ikopru l-istadji differenti fiċ-ċiklu tal-innovazzjoni u l-firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, b'mod partikolari biex jippermetti t-tkabbir u l-iskjerament ta' soluzzjonijiet fuq skala kummerċjali fl-Unjoni sabiex dawn is-soluzzjonijiet ikunu kompetittivi fis-swieq dinjija.
- (15) Jenħtieġ sforz sinifikanti biex isir investiment fit-trasformazzjoni diġitali u biex jitqassmu l-benefiċċji tagħha maċ-ċittadini u n-negozji kollha tal-Unjoni. Il-qafas b'saħħtu ta' politika tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali llum jenħtieġ li tkun ibbilanċjata b'investiment ta' ambizzjoni komparabbli, inkluż fl-intelliġenza artifiċjali.
- (16) L-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) għandhom rwol kruċjali fl-Unjoni. Madankollu, huma jiffaċċjaw sfidi biex ikollhom aċċess għall-finanzi minħabba r-riskju għoli pperċepit tagħhom u minħabba li ma jkollhomx biżżejjed kapital ta' garanzija. Sfidi addizzjonali jirriżultaw mill-ħtieġa li tinżamm il-kompetittività tal-SMEs permezz tad-diġitalizzazzjoni, l-internazzjonalizzazzjoni u l-attivitajiet ta' innovazzjoni u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħhom. Minbarra dan, apparagun ma' intrapriżi akbar, dawn għandhom aċċess għal sett aktar limitat ta' sorsi ta' finanzjament: tipikament ma joħorġux bonds u jkollhom biss aċċess limitat għall-boroż jew għall-investituri istituzzjonali kbar. L-isfida għall-aċċess għall-finanzjament hija saħansitra akbar għal dawk l-SMEs li l-attivitajiet tagħhom jiffokaw fuq assi intanġibbli. L-SMEs fl-Unjoni jiddependu ħafna mill-banek u mill-finanzjament b'dejn fil-forma ta' self kurrenti (overdrafts) bankarji, self bankarju jew kiri. Li l-SMEs li jiffaċċjaw l-isfidi msemmija hawn fuq u jiġu appoġġati u pprovdu b'sorsi ta' finanzjament aktar diversifikati huwa meħtieġ biex tiżdied il-kapaċità tal-SMEs biex jifinanzjaw il-ħolqien, it-tkabbir u l-iżvilupp tagħhom u biex jifilħu għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, u biex l-ekonomija u s-sistema finanzjarja jsiru aktar reżiljenti matul perjodi ta' tnaqqis fir-ritmu jew ta' skossijiet fl-ekonomija. Dan hu kumplimentari wkoll għall-inizjattivi li diġà tteħdu fil-kontest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jipprovdi opportunità biex tinxteħet attenzjoni fuq prodotti finanzjarji speċifiċi u aktar immirati.

- (17) Kif stabbilit fid-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa¹⁶ u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹⁷, il-bini ta' Unjoni iktar inklużiva u aktar ġusta huwa prijorità ewlenija għall-Unjoni biex tindirizza l-inugwaljanza u trawwem politiki ta' inklużjoni soċjali fl-Ewropa. L-inugwaljanza tal-opportunitajiet taffettwa b'mod partikolari l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ u s-saħħa. L-investiment fl-ekonomija soċjali, tal-ħiliet u tal-kapital uman relatat kif ukoll fl-integrazzjoni ta' popolazzjonijiet vulnerabbli fis-soċjetà jista' jtejjeb l-opportunitajiet ekonomiċi, speċjalment jekk ikkoordinat fil-livell tal-Unjoni. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jintuża biex jappoġġa l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, jgħin fiż-żieda fl-impjieg, b'mod partikolari fost dawk bla sengħa u bla xogħol fit-tul, u fit-titjib tas-sitwazzjoni fir-rigward tas-solidarjetà interġenerazzjonali, tas-settur tas-saħħa, tan-nies minhajr dar, tal-inklużività diġitali, tal-iżvilupp komunitarju, tar-rwol u l-post taż-żgħażaġħ fis-soċjetà kif ukoll dak ta' persuni vulnerabbli, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tal-kultura u l-kreattività Ewropea. Biex jiġu kkompensati t-trasformazzjonijiet profondi tas-soċjetajiet fl-Unjoni u s-suq tax-xogħol matul id-deċennju li ġej, huwa meħtieġ li jsir investiment fil-kapital uman, il-mikrofinanzjament, il-finanzjament tal-intrapriżi soċjali u mudelli tan-negozju ġodda tal-ekonomija soċjali, inkluż l-investiment tal-impatt soċjali u l-ikkuntrattar tal-eżiti soċjali. Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jsaħħa l-ekosistema tal-ekonomija soċjali tas-suq naxxenti, u jżid il-provvista tal-finanzi u l-aċċess għall-finanzi għal mikrointrapriżi u intrapriżi soċjali, biex tiġi ssodisfata d-domanda ta' dawk li l-aktar għandhom bżonnha. Ir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa¹⁸ identifika diskrepanzi fl-investiment fl-infrastruttura soċjali u fis-servizzi, inkluż f'dawk relatati mal-edukazzjoni, mat-taħriġ, mas-saħħa u mal-akkomodazzjoni, li jeħtieġu appoġġ, inkluż fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-isfruttar tal-poter kollettiv tal-kapital pubbliku, kummerċjali u filantropiku, kif ukoll l-appoġġ mill-fondazzjonijiet jenħtieġ li jiġi uttilizzat biex jappoġġa l-iżvilupp tal-katina tal-valur tas-suq soċjali u Unjoni aktar reżiljenti.
- (18) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jopera taħt erba' sezzjonijiet ta' politika, li jirriflettu l-prijoritajiet ewlenin tal-politika tal-Unjoni, jiġifieri l-infrastruttura sostenibbli: ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni; l-SMEs; u l-investiment soċjali u l-ħiliet.
- (19) Kull sezzjoni ta' politika jenħtieġ li tkun magħmula minn żewġ kompartimenti, jiġifieri kompartiment tal-UE u kompartiment tal-Istati Membri. Il-kompartiment tal-UE jenħtieġ li jindirizza fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali madwar l-Unjoni kollha b'mod proporzjonat; l-azzjonijiet appoġġati jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar. Il-kompartiment tal-Istati Membri jenħtieġ li jagħti lill-Istati Membri l-possibilità li jikkontribwixxu sehem mir-riżorsi tagħhom tal-Fondi b'ġestjoni kondiviża għall-proviżjonament tal-garanzija tal-UE sabiex il-garanzija tal-UE tintuża għal finanzjamenti jew għal operazzjonijiet ta' investiment li jindirizzaw fallimenti speċifiċi tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fit-territorju tagħhom stess, inkluż f'żoni vulnerabbli u remoti bħall-aktar reġjuni mbiegħda tal-Unjoni sabiex jitwettqu l-għanijiet tal-Fond b'ġestjoni kondiviża. Azzjonijiet appoġġati mill-Fond InvestEU permezz tal-kompartiment tal-UE jew dak tal-Istat Membru jenħtieġ li ma jiddupplikawx u ma jeskludux il-finanzjament privat u ma jfixklux il-kompetizzjoni fis-suq intern.

¹⁶ COM(2017) 206.

¹⁷ COM(2017) 250.

¹⁸ Ippubblikat bħala **Dokument ta' Diskussjoni dwar l-Ekonomija Ewropea 074** f'Jannar 2018.

- (20) Il-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li jkun imfassal speċifikament sabiex jippermetti l-użu ta' fondi b'ġestjoni kondiviża għall-proviżjonament ta' garanzija maħruġa mill-Unjoni. Din il-kombinazzjoni timmira li timmobilizza l-klassifikazzjoni għolja tal-kreditu tal-Unjoni biex tippromwovi investimenti nazzjonali u reġjonali filwaqt li tiżgura ġestjoni konsistenti tar-riskju tar-responsabbiltajiet kontinġenti billi timplimenta l-garanzija mogħtija mill-Kummissjoni b'ġestjoni indiretta. L-Unjoni jenħtieġ li tiggarrantixxi l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment previsti mill-ftehim(iet) ta' garanzija konklużi bejn il-Kummissjoni u l-partijiet inkarigati mill-implimentazzjoni fil-kompartiment tal-Istat Membru. Il-Fondi b'ġestjoni kondiviża jenħtieġ li jipprovdu l-proviżjonament tal-garanzija, abbażi ta' rata ta' proviżjonament determinata mill-Kummissjoni fid-dawl tan-natura tal-operazzjonijiet u tat-telf mistenni riżultanti, u l-Istat Membru jgħorr it-telf li jkun oġhla mit-telf mistenni billi joħroġ garanzija dahar ma' dahar favur l-Unjoni. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi fi ftehim ta' kontribuzzjoni waħdieni ma' kull Stat Membru li jagħżel din l-għażla b'mod volontarju. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni jenħtieġ li jinkludi ftehim ta' garanzija speċifiku wieħed (jew aktar) li jkun se jiġi implimentat fl-Istat Membru kkonċernat. L-iffissar tar-rata ta' proviżjonament fuq bażi ta' każ b'każ jeħtieġ deroga mill-[Artikolu 211(1)] tar-Regolament (UE, Euratom) Nru XXXX¹⁹ (ir-“Regolament Finanzjarju”). Dan id-disinn jipprovdi wkoll sett uniku ta' regoli għal garanziji baġitarji appoġġati minn fondi ġestiti b'mod ċentrali jew minn fondi b'ġestjoni kondiviża, u dan għandu jiffaċilita l-kombinazzjoni tagħhom
- (21) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jkun miftuħ għal kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi li huma membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, għal pajjiżi aderenti, għal kandidati u kandidati potenzjali, għal pajjiżi koperti mill-politika tal-Viċinat u għal pajjiżi oħra, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti bejn Unjoni u dawk il-pajjiżi. Dan mistenni li jippermetti li titkompla l-kooperazzjoni mal-pajjiżi rilevanti, fejn ikun xieraq, b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll l-SMEs.
- (22) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-miżuri tal-Programm Invest UE li ma jaqgħux taħt il-proviżjonament tal-garanzija tal-UE, li għandha tikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarju, fis-sens tal-*[ir-referenza għandha tiġi aġġornata kif xieraq f'konformità mal-ftehim interistituzzjonali l-ġdid: il-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²⁰]*, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (23) Il-garanzija tal-UE ta' EUR 38 000 000 000 (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn EUR 650 000 000 000 f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata b'mod indikattiv bejn is-sezzjonijiet ta' politika.
- (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-

¹⁹

²⁰ Ir-referenza trid tiġi aġġornata: ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1. Ir-rapport jinsab disponibbli hawn: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_2013.373.01.0001.01.ENG&toc=OJ:C:2013:373:TOC

operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilhqg l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speçifika ta' governanza biex jiġi żgurati l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE.

- (25) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Konsultattiv li jikkonsisti f'rappreżentanti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u f'rappreżentanti tal-Istati Membri sabiex jiskambja informazzjoni u għal skambji dwar l-adozzjoni tal-prodotti finanzjarji skjerati taħt il-Fond InvestEU u biex jiddiskuti dwar il-ħtiġijiet li qed jevolvu u prodotti ġodda, inklużi lakuni fis-suq speçifiki territorjali.
- (26) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-kompatibbiltà mal-liġi u l-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament preżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni filwaqt li d-deçizjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jenħtieġ li, fl-aħħar mill-aħħar, jittieħdu minn sieħeb inkarigati mill-implimentazzjoni.
- (27) Tim tal-Proġetti li jikkonsisti f'esperti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jipprovdu kompetenza professjonali fil-valutazzjoni finanzjarja u teknika tal-finanzjament propost u tal-operazzjonijiet ta' investiment jenħtieġ li jippunteggja l-proġetti ppreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jiġu vvalutati mill-Kumitat tal-Investment.
- (28) Kumitat tal-Investment magħmul minn esperti indipendenti jenħtieġ li jiddeçiedi jekk jagħtix jew le l-appoġġ mill-garanzija tal-UE għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà, u b'hekk jipprovdi kompetenza esterna f'valutazzjonijiet ta' investiment konnessi ma' proġetti. Il-Kumitat tal-Investment jenħtieġ li jkollu konfigurazzjonijiet differenti biex ikopri bl-aħjar mod oqsma u setturi ta' politika differenti.
- (29) Fl-għażla tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għall-iskjerament tal-Fond InvestEU, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-kapaçità tal-kontroparti li tissodisfa l-għanijiet tal-Fond InvestEU u tikkontribwixxi r-riżorsi proprji tagħha, sabiex tiżgura kopertura u diversifikazzjoni ġeografika, tteggieg investituri privati u tipprovdi diversifikazzjoni suffiçjenti tar-riskji kif ukoll soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw il-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati, il-kapaçità tiegħu li jopera fl-Istati Membri kollha u l-esperjenza eżistenti taħt l-istrumenti finanzjarji attwali u l-FEIS, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jenħtieġ li jibqa' sieħeb inkarigati mill-implimentazzjoni privileġġjat taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU. Minbarra l-Grupp tal-BEI, il-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru firxa ta' prodotti finanzjarji kumplementari, billi l-esperjenza u l-kapaçitajiet tagħhom fil-livell reġjonali jistgħu jkunu ta' benefiçju għall-massimizzazzjoni tal-impatt tal-fondi pubbliçi fit-territorju tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jkun hemm istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, b'mod partikolari meta jippreżentaw vantaġġ komparattiv f'termini ta' kompetenza u ta' esperjenza speçifika f'çerti Stati Membri. Jenħtieġ li jkun ukoll possibbli għal entitajiet oħra li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju sabiex jaġixxu bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.
- (30) Sabiex jiġi żgurati li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-

implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru mill-inqas tliet Stati Membri. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokati lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha.

- (31) Il-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru jenħteġ li tiġi allokata lil kwalunkwe sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni eliġibbli skont [l-Artikolu 62(1)(c)] tar-[Regolament Finanzjarju], inklużi banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jew reġjonali, il-BEI, il-Fond Ewropew tal-Investment u banek ta' żvilupp multilaterali oħrajn. Meta tagħżel sħab inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-kompartiment tal-Istat Membru, il-Kummissjoni jenħteġ li tqis il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. Skont [l-Artikolu 154] tar-[Regolament Finanzjarju], il-Kummissjoni trid twettaq valutazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni sabiex tiżgura li dan ikun qed jipprovi livell ta' protezzjoni għall-interess finanzjarju tal-Unjoni li jkun ekwivalenti għal dak provdut mill-Kummissjoni.
- (32) L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment fl-aħħar mill-aħħar jenħteġ li jiġu deċiżi minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni f'ismu stess, u għandhom ikunu implimentati skont ir-regoli u l-proċeduri interni tiegħu u kontabilizzati fir-rapporti finanzjarji tiegħu stess. Għalhekk il-Kummissjoni jenħteġ li tikkontribwixxi esklużivament għal kwalunkwe obligazzjoni finanzjarja li tirriżulta mill-garanzija tal-UE u tiżvela l-ammont massimu ta' garanzija, inkluża l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-garanzija provduta.
- (33) Il-Fond InvestEU jenħteġ li, fejn xieraq, jippermetti taħlita bla xkiel u effiċjenti ta' għotjiet u/jew strumenti finanzjarji, ifffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni jew mill-Fond ta' Innovazzjoni tas-Sistema tan-Negozjar tal-Emissjonijiet tal-UE (ETS) b'dik il-garanzija f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun neċessarju biex jiġu sostnuti l-aħjar l-investimenti li jistgħu jindirizzaw fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali.
- (34) Proġetti ppreżentati minn sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għal appoġġ fil-qafas tal-Programm InvestEU li jinkludu taħlit ma' appoġġ minn programmi oħra tal-Unjoni, jenħteġ li b'mod ġenerali jkunu wkoll konsistenti mal-għanijiet u l-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fir-regoli tal-programmi rilevanti tal-Unjoni. L-użu tal-garanzija tal-UE jenħteġ li jkun deċiż skont ir-regoli tal-Programm InvestEU.
- (35) Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħteġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' riżerva b'saħħitha ta' proġetti ta' investment f'kull sezzjoni ta' politika. Barra minn hekk, jenħteġ li jiġi previst komponent transsettorjali fil-qafas tal-Programm InvestEU biex jiżgura punt tad-dħul wieħed u għajnuna transpolitika għall-iżvilupp ta' proġetti għall-programmi tal-Unjoni ġestiti b'mod ċentrali.
- (36) Sabiex tiġi żgurata firxa ġeografika wiesgħa tas-servizzi ta' konsulenza madwar l-Unjoni u biex jiġi sfruttat b'suċċess l-għarfien lokali dwar il-Fond InvestEU, jenħteġ li tiġi żgurata preżenza lokali tal-Konsulenza tal-InvestEU, fejn tkun meħtieġa, filwaqt li jitqiesu l-iskemi ta' appoġġ eżistenti, bl-għan li tiġi pprovduta assistenza tanġibbli, proattiva u mfassla apposta fil-post.
- (37) Fil-kuntest tal-Fond InvestEU, hemm il-ħtieġa li jinbena appoġġ għall-bini tal-kapaċità sabiex jiġu żviluppjati l-kapaċitajiet organizzazzjonali u l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq meħtieġa biex jiġu oriġinati proġetti ta' kwalità. Minbarra dan, l-għan huwa li

jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-espansjoni tal-għadd potenzjali ta' riċevituri eliġibbli f'segmenti kummerċjali emerġenti, b'mod partikolari meta d-daqs żgħir ta' proġetti individwali jgħolli b'mod konsiderevoli l-ispiża tat-tranżazzjoni fil-livell tal-proġett, bħall-każ tal-ekosistema tal-finanzi soċjali. L-appoġġ għall-bini tal-kapaċità għalhekk jenħtieġ li jkun kumplimentari u addizzjonali għall-azzjonijiet imwettqa skont programmi oħra tal-Unjoni li jkopru qasam ta' politika speċifiku.

- (38) Il-portal InvestEU jenħtieġ li jkun stabbilit sabiex jipprovdi għal bażi ta' *data* tal-proġetti aċċessibbli faċilment u faċli għall-utent biex jipromwovi l-viżibbiltà ta' proġetti ta' investiment li jkunu qed ifittxu finanzjament b'enfasi akbar fuq il-forniment ta' riżerva possibbli ta' proġetti ta' investiment, kompatibbli mad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.
- (39) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016²¹, hemm ħtieġa għal evalwazzjoni tal-Programm InvestEU abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm InvestEU fil-prattika.
- (40) Jenħtieġ li jiġi implimentat qafas sod ta' monitoraġġ li jkun ibbażat fuq il-produzzjoni, l-eżiti u l-indikaturi tal-impatt biex jissorvelja l-progress lejn l-għanijiet tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà lejn iċ-ċittadini Ewropej, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta kull sena għand il-Parlament Ewropew u il-Kunsill dwar il-progress, l-impatt u l-operazzjonijiet tal-Programm InvestEU.
- (41) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-iffissar u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, filwaqt li jipprevedu t-twettiq ta' verifiki rigward ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u effettiva tal-fondi tal-UE.
- (42) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-RF l-ġdid] japplika għall-Programm InvestEU. Dan jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar il-garanziji baġitarji.
- (43) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²², ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95²³ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96²⁴ u r-

²¹ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

²² Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L248, 18.9.2013, p. 1).

²³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p.1).

Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939²⁵, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jstabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-ših fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (44) Pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-ftehim ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika biex jinġhataw id-drittijiet u l-aċċess meħtieġa, lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv.
- (45) Skont [*ir-referenza trid tiġi aġġornata kif xieraq skont id-deċiżjoni l-ġdida dwar il-PTTE: l-Artikolu 88 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE*], persuni u entitatijiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE) huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-għanijiet tal-Programm InvestEU u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-PTEE rilevanti huwa konness.
- (46) Sabiex l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati b'linji gwida dwar l-investment li magħhom l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment jenħtieġ li jikkonformaw, sabiex jiġi ffaċilitat adattament fil-pront u flessibbli tal-indikaturi tal-prestazzjoni u sabiex tiġi aġġustata r-rata ta' proviżjonament, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil tal-linji gwida dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment taħt sezzjonijiet ta' politika differenti, l-emenda tal-Anness III ta' dan ir-Regolament biex jiġu reveduti jew ikkumplimentati l-indikaturi u l-aġġustament tar-rata ta' proviżjonament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tawtaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji

²⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.96, p.2).

²⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ('l-UPPE') (ĠU L 283, 31.10.2017, p.1)

²⁶ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

- (47) Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali madwar l-UE u jipprovdi għal ittestjar għas-suq fl-Unjoni ta' prodotti finanzjarji innovattivi u sistemi għat-tixrid tagħhom, għal fallimenti tas-suq ġodda jew kumplessi. Għalhekk, azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġustifikata,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond InvestEU li jipprovdi garanzija tal-UE għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment imwettqa mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni b'appoġġ għall-politiki interni tal-Unjoni.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mekkaniżmu ta' appoġġ konsultattiv biex jappoġġa l-iżvilupp ta' proġetti investibbli u l-aċċess għall-finanzjament u biex jipprovdi bini ta' kapaċità relatat ("iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU"). Huwa jistabbilixxi wkoll bażi ta' *data* li tagħti viżibbiltà lill-proġetti li l-promoturi tal-proġetti jkunu qed ifittxu finanzjament għalihom u li tipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar opportunitajiet ta' investiment ("il-Portal tal-InvestEU").

Dan jistabbilixxi l-għanijiet tal-Programm InvestEU, il-baġit għall-perjodu mill-2021 sal-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser operazzjonijiet appoġġati mill-baġit tal-UE li jikkumbinaw forom ta' appoġġ li mhuwiex rimborsabbli u/jew appoġġ rimborsabbli mill-baġit tal-Unjoni ma' forom ta' appoġġ rimborsabbli minn istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet oħra tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll minn istituzzjonijiet tal-finanzjament kummerċjali u tal-investituri; għall-finijiet ta' din id-definizzjoni,

programmi tal-Unjoni ffinanzjati minn sorsi oħra minbarra l-baġit tal-Unjoni, bħal pereżempju l-Fond tal-Innovazzjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (Emissions Trading System, ETS), jista' jiġi assimilat ma' programmi tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni;

- (2) "garanzija tal-UE" tfisser garanzija ġenerali pprovduta mill-baġit tal-Unjoni li taħtu l-garanziji baġitarji skont [l-Artikolu 219(1) tar-[Regolament Finanzjarju] jidħlu fis-seħħ permezz tal-iffirmar ta' ftehimiet individwali ta' garanzija ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni;
- (3) "prodott finanzjarju" tfisser mekkaniżmu jew arranġament finanzjarju miftiehem bejn il-Kummissjoni u s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li skont it-termini tiegħu s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jipprovdi finanzjament dirett jew intermedjat lil riċevituri finali f'xi waħda mill-forom imsemmija fl-Artikolu 13;
- (4) "finanzjament u/jew operazzjonijiet ta' investiment" tfisser operazzjonijiet li jipprovdu finanza b'mod dirett jew indirett lil riċevituri finali fil-forma ta' prodotti finanzjarji, imwettqa minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni f'ismu stess, ipprovdut minnu skont ir-regoli interni tiegħu u li jiġu kontabilizzati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu stess;
- (5) "Fondi b'ġestjoni kondiviża" tfisser il-fondi li jipprevedu l-possibbiltà li jiġi allokat ammont minnhom għall-provvediment ta' garanzija baġitarja fil-kompartiment tal-Istat Membru tal-Fond InvestEU, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);
- (6) "ftehim ta' garanzija" tfisser l-istrument legali li permezz tiegħu l-Kummissjoni u sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jispeċifikaw il-kundizzjonijiet biex jipproponu operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment li għandhom jingħataw il-benefiċċju tal-garanzija tal-UE, biex jipprovdu l-garanzija baġitarja għal dawk l-operazzjonijiet u biex jimplementawhom skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;
- (7) "sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni" tfisser kontroparti eliġibbli bħal istituzzjoni finanzjarja jew intermedjarju ieħor li magħhom il-Kummissjoni tiffirma ftehim ta' garanzija u/jew ftehim biex jiġi implimentat iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU;
- (8) "Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU" tfisser l-assistenza teknika definita fl-Artikolu 20;
- (9) "Portal tal-InvestEU" tfisser il-bażi ta' *data* definita fl-Artikolu 21;
- (10) "il-Programm InvestEU" tfisser il-Fond InvestEU, iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU, u l-operazzjonijiet ta' taħlit, b'mod kollettiv;
- (11) "mikrofinanzjament" tfisser il-mikrofinanzjament kif definit fir-Regolament [[FSE+] number];
- (12) "kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser entitajiet li għandhom sa 3 000 impjegat u li mhumiex SMEs jew kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żgħira/medja;
- (13) "banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali" tfisser l-entitajiet legali impenjati f'attivitajiet finanzjarji fuq bażi professjonali, li għalihom Stat Membru, jew entità ta' Stat Membru f'livell ċentrali, reġjonali jew lokali, jingħataw mandat biex itwettqu attivitajiet ta' żvilupp jew ta' promozzjoni;

- (14) "intrapriżi żġħar u medji" jew "SMEs" tfisser intrapriżi mikro, żġħar u medji kif definiti fl-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE²⁷;
- (15) "kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żġhira/medja" tfisser entitajiet li għandhom sa 499 impjegat u li mhumiex SMEs;
- (16) "intrapriża soċjali" tfisser intrapriża soċjali kif definita fir-Regolament [[FSE+] *number*];
- (17) "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhumiex membru tal-Unjoni.

Artikolu 3

L-għanijiet tal-Programm InvestEU

1. L-għan ġenerali tal-Programm InvestEU huwa li jappoġġa l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni permezz ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jikkontribwixxu:
 - (a) għall-kompetittività tal-Unjoni, inkluża l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni;
 - (b) għas-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-Unjoni u għat-*tkabbir* tagħha;
 - (c) għar-reżiljenza soċjali u għall-inklużività tal-Unjoni;
 - (d) għall-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni u għat-tiżiħ tas-Suq Uniku, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, għad-diversifikazzjoni ta' sorsi ta' finanzjament għal intrapriżi tal-Unjoni u għall-promozzjoni ta' finanzi sostenibbli.
2. Il-Programm InvestEU għandu l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:
 - (a) jappoġġa operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-infrastruttura sostenibbli fl-oqsma msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1);
 - (b) jappoġġa operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fid-diġitalizzazzjoni;
 - (c) iżid l-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzi għall-SMEs u, f'każijiet debitament iġġustifikati, għal kumpaniji żġħar b'kapitalizzazzjoni medja;
 - (d) iżid l-aċċess għall-mikrofinanzjament u għall-finanzjament għal intrapriżi soċjali, u d-disponibbiltà tagħhom u jappoġġa operazzjonijiet ta' finanzjamenti u ta' investiment relatati mal-investimenti soċjali u mal-*hillet* u jiżviluppa u jikkonsolida swieq ta' investiment soċjali, fl-oqsma msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 7(1).

²⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żġħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Artikolu 4

Il-baġit u l-ammont tal-garanzija tal-UE

1. Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 8(1) għandha tkun EUR 38 000 000 000 (prezzijiet attwali). Din għandha tkun provduta bir-rata ta' 40 %.

Ammont addizzjonali tal-garanzija tal-UE jista' jiġi pprovdut għall-finijiet tal-kompartiment tal-Istat Membru msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 8(1), suġġett għall-allokkazzjoni mill-Istati Membri, skont [l-Artikolu 10(1)] tar-Regolament [[CPR] *number*]²⁸ u l-Artikolu [75(1)] tar-Regolament [[CAP plan] *number*]²⁹ tal-ammonti korrispondenti.

Il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 5 għandhom iżidu wkoll il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu, billi jipprovdu proviżjonament fi flus kontanti b'mod sħiħ skont [l-Artikolu 218(2)] tar-[Regolament Finanzjarju].
2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 hija mniżżla fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' timmodifika l-ammonti msemmija fl-Anness I, fejn xieraq, sa 15 % għal kull għan. Din għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bi kwalunkwe modifika.
3. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-Kapitoli V u VI għandu jkun EUR 525 000 000 (prezzijiet attwali).
4. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 jista' jintuża wkoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni.

Artikolu 5

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond InvestEU

Il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u kull waħda mit-twieqi politiċi msemmija fl-Artikolu 7(1) jistgħu jirċievu kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi terzi li ġejjin sabiex jipparteċipaw f'ċerti prodotti finanzjarji skont [l-Artikolu 218(2)] tar-[Regolament Finanzjarju]:

- (a) Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ŻEE;
- (b) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, b'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteeċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew arranġamenti simili, u

28

29

- b'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejnhom u bejn l-Unjoni;
- (c) pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew arranġamenti simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;
 - (d) pajjiżi terzi, skont il-kundizzjonijiet stipulati fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni ta' pajjiż terz għal kull programm tal-Unjoni, sakemm il-ftehim:
 - (i) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;
 - (ii) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u l-kostijiet amministrattivi tagħhom. Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu dħul b'konformità mal-Artikolu [21(5)] tar-[Regolament Finanzjarju];
 - (iii) ma jagħtix lill-pajjiż terz, is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar il-programm;
 - (iv) jiggwarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tiproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

Artikolu 6

Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-Unjoni

1. Il-garanzija tal-UE għandha tiġi implimentata fil-ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fl-[Artikolu 62(1)(c)(ii) sa (vii)] tar-[Regolament Finanzjarju]. Forom oħra ta' fondi tal-UE skont dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati f'ġestjoni diretta jew indiretta skont ir-[Regolament Finanzjarju], inklużi għotjiet implimentati skont it-[Titolu VIII] tiegħu.
2. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-garanzija tal-UE li jiffurmaw parti mill-operazzjoni ta' taħlit li jikkombinaw appoġġ skont dan ir-Regolament ma' appoġġ ipprovdut skont xi programm jew programmi oħra tal-Unjoni jew mill-Fond ta' Innovazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE (ETS) għandhom:
 - (a) ikunu konsistenti mal-għanijiet tal-politika u jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-regola dwar il-programm tal-Unjoni skont liema l-appoġġ ikun ingħata;
 - (b) jimxu skont dan ir-Regolament.
3. L-operazzjonijiet ta' taħlit inkluż strument finanzjarju ffinanzjat kompletament minn programmi oħrajn tal-Unjoni jew mill-Fond għall-Innovazzjoni tal-ETS mingħajr l-użu tal-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mal-għanijiet ta' politika u l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-regoli tal-programm tal-Unjoni skont liema tingħata l-għajnuna.

4. Skont l-Artikolu 6(2), forom mhux ripagabbli ta' appoġġ u/jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni li jiffurmaw parti mill-operazzjoni ta' taħlit imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu deċiżi skont ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni u għandhom jiġu implimentati f'operazzjoni ta' taħlit skont dan ir-Regolament u skont [it-Titolu X] tar-[Regolament Finanzjarju].

Ir-rappurtar għandu jinkludi wkoll l-elementi dwar il-konsistenza mal-għanijiet ta' politika u l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-regoli tal-programm tal-Unjoni li bihom l-appoġġ jingħata kif ukoll dwar il-konformità ma' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

Il-Fond InvestEU

Artikolu 7

sezzjonijiet ta' politika

1. Il-Fond InvestEU għandu jopera permezz tal-erba' sezzjonijiet ta' politika li ġejjin li għandhom jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tagħhom:
- (a) is-sezzjoni ta' politika tal-infrastruttura sostenibbli: tinkludi investiment fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija, tal-konnettività diġitali, tal-provvista u tal-ipproċessar tal-materja prima, tal-spazju, tal-oċeani u tal-ilma, tal-skart, tan-natura u ta' infrastruttura ambjentali oħra, tat-tagħmir, tal-assi mobbli u tal-iskjerar ta' teknoloġiji innovattivi li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali u/jew soċjali tal-Unjoni jew li jissodisfaw l-istandards ta' sostenibbiltà ambjentali jew soċjali tal-Unjoni;
 - (b) is-sezzjoni ta' politika tar-riċerka, l-innovazzjoni u d-djalogu: tinkludi attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, it-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka għas-suq, tad-dimostrazzjoni u tal-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u ta' appoġġ għat-ktabbir ta' kumpaniji innovattivi minbarra l-SMEs kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-Unjoni;
 - (c) is-sezzjoni ta' politika tal-SMEs: tinkludi l-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzi għall-SMEs u, f'każi debitament iġġustifikati, għal kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja;
 - (d) is-sezzjoni ta' politika tal-investiment soċjali u tal-ħiliet: tinkludi l-mikrofinanzjament, il-finanzjament tal-intrapriżi soċjali u l-ekonomija soċjali; il-ħiliet, l-edukazzjoni, it-taħriġ u servizzi relatati; l-infrastruttura soċjali (inklużi l-akkomodazzjoni soċjali u tal-istudenti); l-innovazzjoni soċjali; il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul; l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà; l-attivitajiet kulturali b'għan soċjali; l-integrazzjoni tal-persuni vulnerabbli, inklużi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.
2. Fejn operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment proposta lill-Kumitat ta' Investiment imsemmi fl-Artikolu 19 taqa' taħt aktar minn sezzjoni politika waħda,

din għandha tiġi attribwita lis-sezzjoni li taħtha jaqa' l-għan prinċipali jew l-għan prinċipali tal-biċċa l-kbira tas-sottoproġetti tagħha, sakemm il-linji gwida dwar l-investment ma jiddefinixxux mod ieħor.

3. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment fil-qafas tas-sezzjoni tal-infrastruttura sostenibbli tal-politika msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu (1) għandhom ikunu soġġetti għall-ittestjar tas-sostenibilità klimatika, ambjentali u soċjali bil-ħsieb li jiġu mminimizzati l-impatti negattivi u jiġu mmassimizzati l-benefiċċji fuq il-klima, l-ambjent u d-dimensjoni soċjali. Għal dak il-għan, il-promoturi li jitolbu finanzjament għandhom jipprovdu informazzjoni adegwata bbażata fuq gwida li għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni. Proġetti taħt ċertu daqs definit fil-linji gwida ta' prova għandhom jiġu esklużi.

Il-gwida tal-Kummissjoni għandha tippermetti li:

- a) rigward l-adattament, tiġi żgurata r-reżiljenza għall-impatti negattivi potenzjali tat-tibdil fil-klima permezz ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u r-riskju tal-klima, inklużi miżuri ta' adattament rilevanti u, rigward il-mitigazzjoni, jiġu integrati l-kost tal-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra u l-effetti pożittivi ta' miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji;
 - b) tirrapporta dwar impatti konsolidati tal-proġetti f'termini tal-komponenti ewlenin tal-kapital naturali relatati mal-arja, mal-ilma, mal-art u mal-biodiversità;
 - c) tistima l-impatt fuq l-inklużjoni soċjali ta' ċerti żoni jew popolazzjonijiet.
4. Is-šhab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu t-traċċar ta' investment li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni dwar il-klima u l-ambjent, abbażi ta' gwida li għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni.
 5. Is-šhab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jimmiraw li mill-inqas 50 % tal-investment taħt is-sezzjoni ta' politika tal-infrastruttura sostenibbli jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni dwar il-klima u l-ambjent.
 6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 26 biex tiddefinixxi l-linji gwida dwar l-investment għal kull sezzjoni ta' politika.

Artikolu 8

Kompartimenti

1. Kull sezzjoni ta' politika msemmija fl-Artikolu 7(1) għandha tikkonsisti f'żewġ kompartimenti li jindirizzaw fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali kif ġej:
 - (a) il-kompartiment tal-UE għandu jindirizza kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
 - (i) fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali relatati mal-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni u indirizzati fil-livell tal-Unjoni;

- (ii) fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment mal-Unjoni kollha; jew
 - (iii) fallimenti tas-suq ġodda jew kumplessi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali bil-għan li jiġu żviluppati soluzzjonijiet finanzjarji u strutturi tas-suq ġodda;
- (b) il-kompartiment tal-Istat Membru għandu jindirizza fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fi Stat Membru wieħed jew aktar sabiex iwettaq l-għanijiet tal-Fondi kontribwenti b'għestjoni kondiviża.
2. Il-kompartimenti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jintużaw b'mod kumplimentari biex isostnu operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment, inkluż billi jgħaqqdu l-appoġġ miż-żewġ kompartimenti.

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-kompartiment tal-Istat Membru

1. Għandhom jintużaw ammonti allokatu minn Stat Membru skont l-Artikolu [10(1)] tar-Regolament [[CPR] number] jew l-Artikolu [75(1)] tar-Regolament [[CAP plan] number] għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-Istat Membru li tkopri operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-Istat Membru kkonċernat.
2. L-istabbiliment ta' dik il-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-Istat Membru għandu jkun soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kontribuzzjoni bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni.

L-Istat Membru u l-Kummissjoni għandhom jikkonkludu l-ftehim ta' kontribuzzjoni jew kwalunkwe emenda għalih fi żmien erba' xhur wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-ftehim ta' Sħubija jew il-pjan tal-CAP jew simultanament mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda programm jew pjan tal-CAP.

Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jikkonkludu ftehim ta' kontribuzzjoni konġunta mal-Kummissjoni.

B'deroga mill-[Artikolu 211(1)] tar- [Regolament Finanzjarju], ir-rata ta' proviżjonament tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru għandha tiġi ffissata għal 40 % u forsi aġġustata 'l isfel jew' il fuq f'kull ftehim ta' kontribuzzjoni sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni r-riskji marbuta mal-prodotti finanzjarji maħsuba biex jintużaw.
3. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu tal-anqas jinkludi dawn l-elementi li ġejjin:
 - a) l-ammont totali tal-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-Istat Membru li jappartieni lill-Istat Membru, ir-rata ta' proviżjonament tiegħu, l-ammont tal-kontribuzzjoni minn Fondi b'għestjoni kondiviża, il-fażi ta' kostituzzjoni tal-proviżjonament skont pjan finanzjarju annwali u l-ammont tal-obbligazzjoni kontinġenti riżultanti li għandu jkun kopert minn garanzija back-to-back provduta mill-Istat Membru kkonċernat;

- b) l-istrateġija li tikkonsisti fil-prodotti finanzjarji u fl-ingranaġġ minimu tagħhom, il-kopertura ġeografika, il-perjodu ta' investiment u, fejn applikabbli, il-kategoriji tar-riċevituri finali u tal-intermedjarji eliġibbli;
 - c) is-sieħeb jew sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li esprima/esprimew l-interess tagħhom u l-obbligu għall-Kummissjoni li tinforma l-Istat Membru dwar is-sieħeb jew sħab inkarigati mill-implimentazzjoni magħżula;
 - d) il-kontribuzzjoni possibbli mill-Fondi b'ġestjoni kondiviża għaċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU;
 - e) l-obbligi ta' rappurtar annwali lejn l-Istat Membru, inkluż ir-rappurtar skont l-indikaturi msemmija fil-ftehim ta' kontribuzzjoni;
 - f) dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni tal-parti tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru;
 - (g) kombinazzjoni possibbli ma' riżorsi fil-kompartiment tal-UE, inkluż fi struttura msaffa biex tinkiseb kopertura tar-riskju aħjar skont l-Artikolu 8(2).
4. Il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni għandhom jiġu implimentati mill-Kummissjoni permezz ta' ftehimiet ta' garanzija ffirmati ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni skont l-Artikolu 14.

Meta, fi żmien disa' xhur mill-iffirmar tal-ftehim ta' kontribuzzjoni, l-ebda ftehim ta' garanzija ma jkun ġie konkluż jew l-ammont tal-ftehim ta' kontribuzzjoni ma jkunx kompletament impenjat permezz ta' ftehim jew ftehimiet ta' garanzija, il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jintemm fl-ewwel każ jew jiġi emendat kif meħtieġ fit-tieni każ u l-ammont mhux użat tal-proviżjonament jiġi użat mill-ġdid skont [l-Artikolu 10(5)] tar-Regolament [[CPR] *number*] u l-Artikolu [75(5)] tar-Regolament [[CAP plan] *number*].

Fejn il-ftehim ta' garanzija ma ġiex implimentat kif xieraq fi żmien perjodu speċifikat fl-Artikolu [10(6)] tar-Regolament [[CPR] *number*] jew l-Artikolu [75(6)] tar-Regolament [[CAP plan] *number*], il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jiġi emendat u l-ammont mhux użat ta' proviżjonament użat mill-ġdid skont [l-Artikolu 10(6)] tas-[CPR] *number*] u l-Artikolu [75(6)] tar-Regolament [[CAP plan] *number*].

5. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-proviżjonament għall-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-Istat Membru stabbilit bi ftehim ta' kontribuzzjoni:
- (a) wara l-fażi ta' kostituzzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, kull bilanċ annwali ta' dispożizzjonijiet, ikkalkulat billi jitqabbel l-ammont ta' dispożizzjonijiet meħtieġa mir-rata ta' proviżjonament u d-dispożizzjonijiet attwali, għandu jerġa' jintuża skont l-[Artikolu 10(6)] tas-[CPR] u l-Artikolu [75(6)] tal-[[CAP plan] *number*];
 - (b) b'deroga mill-[Artikolu 213(4)] [tar-Regolament Finanzjarju], wara l-fażi tal-kostituzzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-proviżjonament ma għandux joħloq rifornimenti annwali matul id-disponibbiltà ta' dik il-parti tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru;
 - (c) il-Kummissjoni għandha minnufih tinforma l-Istat Membru fejn, b'riżultat ta' sejħiet għal dik il-parti tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru, il-livell ta' proviżjonamenti għal dik il-parti tal-garanzija tal-UE jaqa' taħt 20 % tal-proviżjonament inizjali;

- (d) jekk il-livell tal-proviżjonamenti għal dik il-parti tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru jilħaq l-10 % tal-proviżjonament inizjali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-fond komuni għall-proviżjonament sa 5 % tal-proviżjonament inizjali fuq talba mill-Kummissjoni.

KAPITOLU III

Il-garanzija tal-UE

L-Artikolu 10

Il-garanzija tal-UE

1. Il-garanzija tal-UE għandha tingħata lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni skont l-[Artikolu 219(1)] tar-[Regolament Finanzjarju] u tiġi ġestita skont it-[Titolu X] tar-[Regolament Finanzjarju].
2. L-appoġġ tal-garanzija tal-UE jista' jingħata għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament għal perjodu ta' investiment li jintemm fit-31 ta' Diċembru 2027. Kuntratti bejn is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fl-Artikolu 13(1)(a) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.

Artikolu 11

Operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli

1. Il-Fond InvestEU għandu jappoġġa biss operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li
 - (a) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-[punti (a) sa (e) tal-Artikolu 209(2)] tar- [Regolament Finanzjarju], b'mod partikolari bir-reqwizit tal-addizzjonalità stabbilit fil- [punt (b) tal-Artikolu 209(2)] tar- [Regolament Finanzjarju] u, fejn xieraq, jimmassimizzaw l-investiment privat f'konformità mal-[punt (d) tal-Artikolu 209(2)] tar-[Regolament Finanzjarju];
 - (b) Jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' politika tal-Unjoni u jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni taż-żoni eliġibbli għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt is-sezzjoni xierqa skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament; u
 - (c) ikunu konsistenti mal-linji gwida dwar l-investiment.
2. Minbarra l-proġetti li jkunu jinsabu fl-Unjoni, il-Fond InvestEU jista' jappoġġa l-proġetti u l-operazzjonijiet li ġejjin permezz ta' finanzjament u investiment:
 - (a) proġetti transfruntiera bejn entitajiet ibbażati jew stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar u li jestendu għal pajjiż terz wieħed jew aktar, inklużi pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, pajjiżi koperti mill-politika tal-Viċinat, miż-Żona Ekonomika Ewropea jew mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, jew għal pajjiż jew territorju extra-Ewropew kif

- stabbilit fl-Anness II tat-TFUE, jew għal pajjiż terz assoċjat, kemm jekk ikun hemm sieħeb u kemm jekk le f' dawk il-pajjiżi jew territorji extra-Ewropej;
- (b) operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment f'pajjiżi msemmija fl-Artikolu 5 li jkunu kkontribwixxew għal prodott finanzjarju speċifiku.
3. Il-Fond InvestEU jista' jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jipprovdu finazzi lil riċevituri li huma entitajiet legali stabbiliti f'xi wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:
- (a) Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;
- (b) pajjiż terz jew territorju assoċjat mal-Programm InvestEU skont l-Artikolu 5;
- (c) pajjiż terz imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, fejn applikabbli;
- (d) pajjiżi oħra fejn meħtieġ għall-finanzjament ta' proġett f'pajjiż jew territorju msemmi fil-punti (a) sa (c).

Artikolu 12

L-għażla tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tagħżel f'konformità mal-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jew grupp minnhom, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, minn fost il-kontropartijiet eliġibbli.
- Għall-kompartiment tal-UE, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom ikunu esprimew l-interess tagħhom u għandhom ikunu kapaċi jkopru operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment f'mill-inqas tliet Stati Membri. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jistgħu wkoll ikopru flimkien l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment f'mill-inqas tliet Stati Membri billi jiffurmaw grupp.
- Għall-kompartiment tal-Istat Membru, l-Istat Membru kkonċernat jista' jipproponi kontroparti jew kontropartijiet eliġibbli bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni minn fost dawk li jkunu wrew l-interess tagħhom skont l-Artikolu 9(3)(c).
- Fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jipproponix sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tipproċedi skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu fost dawk is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkunu kapaċi jkopru operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fiż-żoni ġeografiċi kkonċernati.
2. Meta tagħżel is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-portafoll ta' prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU:
- (a) jimmassimizza l-kopertura tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3;
- (b) jimmassimizza l-impatt tal-garanzija tal-UE permezz tar-riżorsi proprji impenjati mis-sieħeb ta' implimentazzjoni;
- (c) jimmassimizza, fejn xieraq, l-investiment privat;
- (d) jikseb diversifikazzjoni ġeografika;

- (e) jipprovdidi diversifikazzjoni tar-riskji b' mod suffiċjenti;
 - (f) jippromwovi soluzzjonijiet finanzjarji u tar-riskji innovattivi biex jindirizza fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investment subottimali.
3. Meta tkun qed tagħżel is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll:
- (a) l-ispiża u r-rimunerazzjoni possibbli għall-baġit tal-Unjoni;
 - (b) il-kapaċità tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li jimplementa bir-reqqa r-rekwiżiti tal-[Artikolu 155(2)] tar-[Regolament Finanzjarju] relatati mal-evitar tat-taxxa, mal-frodi tat-taxxa, mal-evazzjoni tat-taxxa, mal-ħasil tal-flus, mal-finanzjament tat-terroriżmu u mal-ġuriżdizzjonijiet li ma jikkoperawx.
4. Il-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jistgħu jintgħażlu bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, bil-kundizzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f' dan l-Artikolu u fit-tieni subparagrafu u tal-Artikolu 14(1).

Artikolu 13

Tipi eliġibbli ta' finanzjament

1. Il-garanzija tal-UE tista' tintuża għall-kopertura tar-riskji għat-tipi ta' finanzjament li ġejjin ipprovduti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni:
- (a) self, garanziji, kontrogaranziji, strumenti tas-suq tal-kapital, kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament jew tisħiħ fil-kreditu, inkluż dejn subordinat, jew parteċipazzjonijiet f'ekwità jew kważi ekwità, pprovduti direttament jew indirettament permezz ta' intermedjarji finanzjarji, fondi, pjattaformi tal-investment jew vejjikli oħra li jkun se jiġu mgħoddija lil riċevituri finali;
 - (b) finanzjament jew garanziji minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni lil istituzzjoni finanzjarja oħra li tippermetti lil dan tal-aħħar li jwettaq attivitajiet ta' finanzjament imsemmija fil-punt (a).

Sabiex jiġi kopert mill-garanzija tal-UE, il-finanzjament imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jingħata, jinkiseb jew jinħareġ għall-benefiċċju tal-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investment imsemmija fl-Artikolu 11(1), fejn il-finanzjament mis-sieħeb ta' implimentazzjoni jkun ingħata f'konformità ma' ftehim jew tranżazzjoni ta' finanzjament iffirmiti jew sottoskritti mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni wara li jiġi ffirmit il-ftehim ta' garanzija bejn il-Kummissjoni u s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u li ma jkunx skada jew ġie kkanċellat.

2. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment permezz ta' fondi jew strutturi intermedjarji simili oħra għandhom ikunu koperti mill-garanzija tal-UE skont id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fil-linji gwida tal-investment anki jekk tali struttura tinvesti minoranza tal-ammonti investiti tagħha barra l-Unjoni u fil-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 11(2) jew f'assi għajr dawk eliġibbli skont dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Ftehim ta' garanzija

1. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' garanzija ma' kull sieħeb ta' implimentazzjoni dwar l-għoti tal-garanzija tal-UE, b'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament sa ammont li jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni.
F'każ li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jiffurmaw grupp imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1), għandu jiġi konkluż ftehim ta' garanzija uniku bejn il-Kummissjoni u kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni fil-grupp jew ma' sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni wieħed f'isem il-grupp.
2. Il-ftehimiet ta' garanzija għandhom jinkludu, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet rigward:
 - (a) l-ammont u t-termini tal-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha tiġi pprovduta mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni;
 - (b) it-termini tal-finanzjament jew tal-garanziji li għandhom jiġu pprovduti mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni lil entità legali oħra li tipparteċipa fl-implimentazzjoni, kull meta dan ikun il-każ;
 - (c) f'konformità mal-Artikolu 16, regoli dettaljati dwar il-provvediment tal-garanzija tal-UE, inkluża l-kopertura ta' portafolli ta' tipi speċifiċi ta' strumenti u l-avvenimenti rispettivi li joħolqu sejħiet possibbli għall-garanzija tal-UE;
 - (d) ir-rimunerazzjoni għat-teħid tar-riskji li għandha tiġi allokata fi proporzjon mas-sehem rispettiv fit-teħid tar-riskji tal-Unjoni u s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni;
 - (e) il-kundizzjonijiet tal-ħlas;
 - (f) l-impenn tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li jaċċetta d-deċizzjonijiet mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tal-Investment fir-rigward tal-użu tal-garanzija tal-UE għall-benefiċċju ta' operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investment li tiġi proposta, mingħajr preġudizzju għat-teħid tad-deċizzjonijiet tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni dwar l-operazzjoni mingħajr il-garanzija tal-UE;
 - (g) dispożizzjonijiet u proċeduri relatati mal-irkupru ta' pretensjonijiet li għandhom jiġu fdati lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni;
 - (h) ir-rappurtar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet taħt il-garanzija tal-UE;
 - (i) indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-garanzija tal-UE, it-twettiq tal-għanijiet u l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 3, 7 u 11 kif ukoll il-mobilizzazzjoni tal-kapital privat;
 - (j) fejn applikabbli, dispożizzjonijiet u proċeduri relatati ma' operazzjonijiet ta' taħlit;
 - (k) dispożizzjonijiet rilevanti oħra f'konformità mar-rekwiżiti tat-[Titolu X] tar-[Regolament Finanzjarju].
3. Ftehim ta' garanzija għandu wkoll jipprovdi li r-remunerazzjoni attribwibbli lill-Unjoni minn operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment koperti minn dan ir-

Regolament għandha tiġi pprovduta wara t-tnaqqis ta' pagamenti dovuti fir-rigward ta' sejħiet fuq il-garanzija tal-UE.

4. Barra minn hekk, ftehim ta' garanzija għandu jipprovdi li kull ammont dovut lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni relatat mal-garanzija tal-UE għandu jitnaqqas mill-ammont globali tar-rimunerazzjoni, tad-dħul u tal-ħlasijiet lura dovuti mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni lill-Unjoni minn operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan Regolament. Meta dan l-ammont ma jkunx suffiċjenti biex ikopri l-ammont dovut lil sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni skont l-Artikolu 15(3), l-ammont pendenti għandu jittieħed mill-proviżjonament tal-garanzija tal-UE.
5. Fejn il-ftehim ta' garanzija jiġi konkluż taħt il-kompartiment tal-Istat Membru, dan jista' jipprovdi għall-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti mill-Istat Membru jew mir-reġjuni kkonċernati fil-monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' garanzija.

Artikolu 15

Rekwiżiti għall-użu tal-garanzija tal-UE

1. L-għoti tal-garanzija tal-UE għandu jkun soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' garanzija mas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni rilevanti.
2. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment għandhom ikunu koperti mill-garanzija tal-UE biss fejn jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-linji gwida tal-investment rilevanti u fejn l-Kumitat tal-Investment ikun ikkonkluda li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jibbenefikaw mill-appoġġ tal-garanzija tal-UE. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jibqgħu responsabbli biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment ma' dan ir-Regolament u mal-linji gwida ta' investiment rilevanti.
3. Ebda nefqa amministrattiva jew tariffa relatata mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt il-garanzija tal-UE ma għandha tkun dovuta lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni mill-Kummissjoni, sakemm in-natura tal-għanijiet ta' politika mmirati mill-prodott finanzjarju li jkollu jiġi implimentat tkun tippermetti lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni juri l-ħtieġa li ssir eċċezzjoni. Il-kopertura ta' dawn l-ispejjeż għandha tiġi stabbilita fil-ftehim ta' garanzija u għandha tkun konformi mal-[Artikolu 209(2)(g)] tar-[Regolament Finanzjarju].
4. Barra minn hekk, is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jista' juża l-garanzija tal-UE biex jissodisfa s-sehem rilevanti minn kwalunkwe spiża ta' rkupru, sakemm dan ma jitnaqqasx mid-dħul mill-irkupru, skont l-Artikolu 14(4).

Artikolu 16

Il-kopertura u t-termini tal-garanzija tal-UE

1. Ir-remunerazzjoni għat-teħid tar-riskji għandha tiġi allokata bejn l-Unjoni u sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni fi proporzjon mas-sehem rispettiv tagħhom fit-teħid

tar-riskji ta' portafoll ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment jew, fejn ikun rilevanti, ta' operazzjonijiet individwali. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkollu skopertura xierqa għar-riskji tiegħu stess għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment appoġġati mill-garanzija tal-UE, sakemm eċċezzjonalment l-għanijiet tal-politika mmirati mill-prodott finanzjarju li jkollu jiġi implimentat ikunu ta' tali natura li s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni ma jkunx jista' jikkontribwixxi b'mod raġonevoli l-kapaċità ta' rfiġ tar-riskji fiha.

2. Il-garanzija tal-UE għandha tkopri:

(a) prodotti tad-dejn imsemmija fl-Artikolu 13(1)(a):

(i) il-kapital u l-imgħax kollu u l-ammonti dovuti lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni iżda mhux riċevuti f'konformità mat-termini tal-operazzjonijiet ta' finanzjament sal-avveniment ta' inadempjenza; id-dejn subordinat, id-differiment, ir-ribass jew iċ-ċessjoni mitluba għandhom jitqiesu bħala każ ta' inadempjenza;

(ii) it-telf fuq ir-ristrutturar;

(iii) it-telf li jirriżulta minn fluttwazzjonijiet ta' muniti barra mill-euro fi swieq fejn il-possibilitajiet għall-iħħeġġjar fit-tul ikunu limitati;

(b) investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità msemmija fl-Artikolu 13(1)(a), l-ammonti investiti u l-ispejjeż tal-finanzjament assoċjati tagħhom u telf li jirriżulta minn fluttwazzjonijiet ta' muniti barra mill-euro;

(c) finanzjament jew garanziji minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni lil entità legali oħra msemmija fl-Artikolu 13(1)(b), l-ammonti użati u l-ispejjeż tal-finanzjament assoċjati magħhom.

3. Fejn l-Unjoni tagħmel pagament lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni fuq sejħa fuq il-garanzija tal-UE, dan għandu jiġi surrogat fid-drittijiet rilevanti, safejn jibqgħu jeżistu, tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni relatat ma' kwalunkwe operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment koperta mill-garanzija tal-UE.

Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu, f'isem l-Unjoni, isegwi l-irkupru ta' pretensjonijiet għall-ammonti surrogati u jirrimborża lill-Unjoni mis-somom irkuprati.

KAPITOLU IV

GOVERNANZA

Artikolu 17

Il-Bord Konsultattiv

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn bord konsultattiv li għandu jkollu żewġ konfigurazzjonijiet, jiġifieri rappreżentanti ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u rappreżentanti tal-Istati Membri.

2. Kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u kull Stat Membru jista' jinnomina rappreżentant wieħed għall-konfigurazzjoni kkonċernata.
3. Il-Kummissjoni għandha tkun rappreżentata fiż-żewġ konfigurazzjonijiet tal-bord konsultattiv.
4. Il-laqgħa tal-bord konsultattiv tar-rappreżentanti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandha tkun kopreseduta minn rappreżentant tal-Kummissjoni u mir-rappreżentant innominat mill-Bank Ewropew tal-Investment.
Rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkun il-President tal-laqgħa tal-bord konsultattiv tar-rappreżentanti tal-Istati Membri.
Il-bord konsultattiv għandu jiltaqa' regolarment u mill-inqas darbtejn fis-sena fuq talba tal-President. Laqgħat konġunti taż-żewġ konfigurazzjonijiet tal-bord konsultattiv jistgħu jiġu organizzati wkoll fuq talba konġunta mill-Presidenti tagħhom.
Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri operattivi u tamministra s-segretarjat tal-bord konsultattiv.
5. Il-bord konsultattiv għandu
 - (a) fil-konfigurazzjoni tiegħu tar-rappreżentanti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni:
 - (i) jipprovdi pariri dwar it-tfassil ta' prodotti finanzjarji li għandhom jiġu implimentati skont dan ir-Regolament;
 - (ii) jagħti parir lill-Kummissjoni dwar fallimenti tas-suq u dwar sitwazzjonijiet ta' investment subottimali u l-kundizzjonijiet tas-suq;
 - (b) fil-konfigurazzjoni tiegħu tar-rappreżentanti tal-Istati Membri:
 - (i) jinforma lill-Istati Membri rigward l-implimentazzjoni tal-Fond InvestEU;
 - (ii) jiskambja opinjonijiet mal-Istati Membri rigward żviluppi tas-suq u jaqsam l-aħjar prattiċi.

Artikolu 18

It-tim tal-proġett

1. Tim tal-proġett magħmul minn esperti, imqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni mingħajr spejjeż għall-baġit tal-Unjoni, għandu jiġi stabbilit.
2. Kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jassenja esperti lit-tim tal-proġett. L-għadd tal-esperti għandu jiġi stabbilit fil-ftehim ta' garanzija.
3. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma jekk l-operazzjonijiet ta' investment u ta' finanzjament proposti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jkunux konformi mal-liġi u mal-politiki tal-Unjoni.
4. Suġġett għall-konferma mill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3, it-tim tal-proġett għandu jwettaq kontroll tal-kwalità fuq id-diliġenza dovuta tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment proposti mwettqa mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment

imbagħad għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat tal-Investment għall-approvazzjoni tal-kopertura mill-garanzija tal-UE.

It-tim tal-proġett għandu jħejji t-tabella ta' valutazzjoni dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment proposti għall-Kumitat tal-Investment.

It-tabella ta' valutazzjoni għandha, b'mod partikolari, tinkludi valutazzjoni ta':

- (a) il-profil tar-riskju tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment proposti;
- (b) il-benefiċċju għar-riċevituri finali;
- (c) ir-rispett tal-kriterji tal-eliġibilità.

Kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jipprovdi informazzjoni adegwata u armonizzata lit-tim tal-proġett sabiex dan ikun jista' jwettaq l-analiżi tar-riskji tiegħu u jħejji t-tabella ta' valutazzjoni.

5. Espert tat-tim tal-proġett ma għandux jevalwa d-diliġenza dovuta jew l-istima relatata ma' operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investment potenzjali preżentata mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li tkun qiegħdet l-espert għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Minbarra dan, dak l-espert lanqas ma għandu jħejji t-tabella ta' valutazzjoni fir-rigward ta' dawk il-proposti.
6. Kull espert tat-tim tal-proġett għandu jiddikjara lill-Kummissjoni kull kunflitt ta' interess u għandu jikkomunika mingħajr dewmien lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jibqa' jiġi vverifikat fuq bażi kontinwa n-nuqqas ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess.
7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati għall-funzjonament tat-tim tal-proġett u għall-verifika ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess.
8. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati għat-tabella ta' valutazzjoni biex tippermetti li l-Kumitat tal-Investment ikun jista' japprova l-użu tal-garanzija tal-UE għal operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investment proposta.

Artikolu 19

Il-Kumitat tal-Investment

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat tal-Investment. Huwa għandu
 - (a) jeżamina l-proposti għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment ippreżentati minn sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għal kopertura taħt il-garanzija tal-UE;
 - (b) jivverifika l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament u mal-linji gwida ta' investment rilevanti, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari għar-rekwiżit ta' addizzjonalità msemmi fl-[Artikolu 209(2)(b)] tar- [Regolament Finanzjarju] u l-ħtieġa li jiġi attratt l-investment privat imsemmi fl- [Artikolu 209(2)(d)] tar- [Regolament Finanzjarju]; u
 - (c) jivverifika jekk l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment li jitressqu biex jibbenefikaw mill-appoġġ tal-garanzija tal-UE jikkonformawx mar-rekwiżiti rilevanti kollha.

2. Il-Kumitat tal-Investment għandu jiltaqa' f'erba' konfigurazzjonijiet differenti, li jikkorrispondu mas-sezzjonijiet ta' politika msemmija fl-Artikolu 7(1).

Kull konfigurazzjoni tal-Kumitat tal-Investment għandha tkun magħmula minn sitt esperti esterni remunerati. L-esperti għandhom jintgħażlu f'konformità mal-[Artikolu 237] tar-[Regolament Finanzjarju] u jinħatru mill-Kummissjoni għal terminu fiss li ma jaqbix l-erba' snin. It-terminu tagħhom għandu jkun jista' jiġġedded iżda b'kollox ma għandux jaqbeż is-seba' snin. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ġġedded il-mandat ta' membru stabbilit tal-Kumitat tal-Investment mingħajr ma tuża l-proċedura stabbilita f'dan il-paragrafu.

L-esperti għandu jkollhom livell għoli ta' esperjenza rilevanti fis-suq fl-istrutturar u fil-finanzjament tal-proġetti jew fil-finanzjament ta' SMEs jew ta' korporazzjonijiet.

Il-kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Investment għandha tiżgura li jkollu għarfien wiesa' tas-setturi koperti mis-sezzjonijiet ta' politika msemmija fl-Artikolu 7(1) u tas-swieq ġeografiċi fl-Unjoni u li kumplessivament ikollu bilanċ bejn il-ġeneri.

Erba' membri għandhom ikunu membri permanenti tal-erba' konfigurazzjonijiet tal-Kumitat tal-Investment. Barra minn hekk, l-erba' konfigurazzjonijiet għandu jkollhom żewġ esperti kull wieħed b'esperjenza fl-investment fis-setturi koperti minn dik is-sezzjoni ta' politika. Mill-inqas wieħed mill-membri permanenti għandu jkollu kompetenza fl-investment sostenibbli. Il-Kummissjoni għandha tassinja l-membri tal-Kumitat tal-Investment għall-konfigurazzjoni jew konfigurazzjonijiet xierqa tiegħu. Il-Kumitat tal-Investment għandu jaħtar president minn fost il-membri permanenti tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha taddotta r-regoli ta' proċedura u timmaniġġa s-segretarjat għall-Kumitat tal-Investment.

3. Meta jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat tal-Investment, il-membri tiegħu għandhom iwettqu d-doveri tagħhom imparzjalment u fl-interess uniku tal-Fond InvestEU. Huma ma għandhomx ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mill-Istati Membri, jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor.

Is-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess ta' kull membru tal-Kumitat tal-Investment għandhom ikunu ppubblikati u aġġornati kostantement. Kull membru tal-Kumitat tal-Investment għandu jikkomunika minnufih lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jibqa' jiġi vverifikat fuq bażi kontinwa li ma jkun hemm ebda kunflitt ta' interessi.

Il-Kummissjoni tista' tneħħi membru mill-funzjonijiet tiegħu jew tagħha jekk hu jew hi ma jirrispettax ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu jew minħabba raġunijiet oħra debitament ġustifikati.

4. Meta jaġixxi skont dan l-Artikolu, il-Kumitat tal-Investment għandu jkun appoġġat mid-dokumentazzjoni pprovduta mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u minn kull dokument ieħor li l-Kumitat tal-Investment iqis rilevanti. Kwalunkwe valutazzjoni tal-proġett imwettqa minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni ma għandhiex tkun vinkolanti fuq il-Kumitat tal-Investment għall-finijiet ta' operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investment li tibbenefika mill-kopertura mill-garanzija tal-UE.

Il-Kumitat tal-Investment għandu juża fil-valutazzjoni u l-verifika tiegħu tal-proposti tabella ta' valutazzjoni fir-rigward tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 18(3).

5. Il-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Investment għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi mill-membri tiegħu. F'każ ta' parità, il-President tal-Kumitat tal-Investment ikollu l-vot deċiżiv.

Il-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Investment li japprovaw l-appoġġ tal-garanzija tal-UE għal operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investment għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku u għandhom jinkludu r-raġuni għall-approvazzjoni. Il-pubblikazzjoni ma għandhiex tinkludi informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku wara l-iffirmar ta' operazzjoni jew sottoproġett ta' finanzjament jew ta' investment, jekk applikabbli. Il-pubblikazzjoni ma għandhiex ikun fiha informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew data personali li ma għandhiex tiġi żvelata skont ir-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

Darbtejn fis-sena, il-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Investment li jirrifjutaw l-użu tal-garanzija tal-UE għandhom jiġu trażmessi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, soġġetti għal rekwiżiti stretti ta' kunfidenzjalità.

6. Fejn il-Kumitat tal-Investment jintalab japprova l-użu tal-garanzija tal-UE għal operazzjoni ta' finanzjament jew investment li tkun faċilità, programm jew struttura b'sottoproġetti sottostanti, dik l-approvazzjoni għandha tinkludi s-sottoproġetti sottostanti, sakemm il-Kumitat tal-Investment ma jiddeċidix li jżomm id-dritt li japprovahom separatament.

KAPITOLU V

Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU

Artikolu 20

Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU

1. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jipprovdi appoġġ konsultattiv għall-identifikazzjoni, għat-tnejn, għall-iżvilupp, għall-istrutturar, għall-akkwist u għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investment, jew itejjeb il-kapaċità ta' promoturi u intermedjarji finanzjarji biex jimplimentaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment. L-appoġġ tiegħu jista' jkopri kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett jew ta' finanzjament ta' entità appoġġata, kif xieraq.

Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jkun disponibbli bħala komponent taħt kull sezzjoni ta' politika msemmija fl-Artikolu 7(1) u jkopri s-setturi kollha ta' dik is-sezzjoni. Barra minn hekk, servizzi konsultattivi transsettorjali għandhom ikunu disponibbli.

2. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu b'mod partikolari jipprovdi s-servizzi li ġejjin:

- (a) jipprovdì punt ta' dħul uniku għall-għajnuna rigward l-iżvilupp tal-proġetti lill-awtoritajiet u lill-promoturi tal-proġetti għal programmi tal-Unjoni mmaniġġati ċentralment;
 - (b) jgħin lill-promoturi tal-proġetti, fejn xieraq, fl-iżvilupp tal-proġetti tagħhom sabiex jissodisfaw l-għanijiet u l-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 3, 7 u 11 u jiffaċilita l-iżvilupp ta' aggregaturi għal proġetti fuq skala żgħira; madankollu, din l-għajnuna ma tippreġudikax il-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Investment dwar il-kopertura tal-appoġġ tal-garanzija tal-UE għal tali proġetti;
 - (c) jappoġġa l-azzjonijiet u jqawwi l-għarfien lokali biex jiffaċilita l-użu tal-appoġġ tal-Fond InvestEU madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi b'mod attiv fejn possibbli għall-għan tad-diversifikazzjoni settorjali u ġeografika tal-Fond InvestEU billi jappoġġa s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni biex joriġinaw u jiżviluppaw operazzjonijiet potenzjali ta' finanzjament u ta' investment;
 - (d) jiffaċilita l-istabbiliment ta' pjattaformi kollaborattivi għal skambju bejn il-pari u għal skambju ta' data, ta' kompetenzi u tal-aħjar Prattiki biex jappoġġa r-riżerva tal-proġetti u l-iżvilupp tas-settur;
 - (e) jipprovdì appoġġ konsultattiv proattiv dwar l-istabbiliment ta' pjattaformi ta' investment, b'mod partikolari pjattaformi ta' investment transfruntiera li jinvolvu diversi Stati Membri;
 - (f) jappoġġa azzjonijiet għall-bini tal-kapaċità sabiex jiġu żviluppanti kapaċitajiet, hilit u proċessi organizzattivi u biex tiġi aċċellerata l-prontezza għall-investment tal-organizzazzjonijiet sabiex il-promoturi u l-awtoritajiet jibnu riżervi ta' proġetti ta' investment u jimmaniġġjaw proġetti u sabiex l-intermedjarji finanzjarji jimplimentaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investment għall-benefiċċju ta' entitajiet li jkunu qed jaffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu aċċess għall-finanzi, inkluż permezz ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' kapaċità ta' valutazzjoni tar-riskji jew ta' għarfien speċifiku għas-settur.
3. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jkun disponibbli għal promoturi ta' proġetti pubbliċi u privati kif ukoll għal intermedjarji finanzjarji u intermedjarji oħrajn.
 4. Jistgħu jitħallsu tariffi għas-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 biex ikopru parti mill-ispejjeż fuq il-provvista ta' dawk is-servizzi.
 5. Sabiex jinkiseb l-għan imsemmi fil-paragrafu 1 u biex tiġi ffaċilitata l-provvista ta' appoġġ konsultattiv, iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jibni fuq il-kompetenza tal-Kummissjoni u tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.
 6. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jkollu preżenza lokali, fejn meħtieġ. Din għandha tiġi stabbilita b'mod partikolari fi Stati Membri jew f'reġjuni li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-iżvilupp ta' proġetti taħt il-Fond InvestEU. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU għandu jgħin fit-trasferiment ta' għarfien fil-livell reġjonali u lokali bil-għan li jissaħħu l-kapaċità u l-għarfien espert reġjonali u lokali għall-appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1.
 7. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipproponu lill-promoturi tal-proġetti li japplikaw għal finanzjament, inklużi b'mod partikolari l-proġetti fuq skala iżgħar, biex jitolbu l-appoġġ taċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU sabiex itejbu,

fejn xieraq, it-tnejn tal-proġetti tagħhom u biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-possibbiltà tar-raggruppament tal-proġetti.

Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom ukoll jinfurmaw lill-promoturi, fejn rilevanti, dwar il-possibbiltà li jelenkaw il-proġetti tagħhom fuq il-Portal tal-InvestEU msemmi fl-Artikolu 21.

KAPITOLU VI

Artikolu 21

Il-Portal tal-InvestEU

1. Il-Portal tal-InvestEU għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni. Dan għandu jkun bażi ta' *data* aċċessibbli faċilment u faċli biex tintuża, li tipprovdi informazzjoni rilevanti dwar kull proġett.
2. Il-Portal tal-InvestEU għandu jipprovdi kanal għal promoturi ta' proġetti biex iressqu l-proġetti tagħhom li għalihom huma jkunu qegħdin ifittxu finanzjament viżibbli u b'hekk jipprovdi informazzjoni dwarhom lill-investituri. L-inklużjoni ta' proġetti fil-Portal tal-InvestEU għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet dwar il-proġetti finali magħżula għas-sostenn skont dan ir-Regolament, skont kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni, jew għall-finanzjament pubbliku.
3. Il-proġetti li jkunu kompatibbli mal-liġi u mal-politiki tal-Unjoni biss għandhom jiġu elenkati fil-Portal.
4. Proġetti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 għandhom jiġu trażmessi mill-Kummissjoni lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni rilevanti.
5. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jeżaminaw proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku u tal-attività tagħhom.

KAPITOLU VII

IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAR, L-EVALWAZZJONI U L-KONTROLLI

Artikolu 22

Monitoraġġ u rappurtar

1. L-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU lejn l-ilħuq tal-għanijiet ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.
2. Biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm InvestEU biex jikseb l-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-

Artikolu 26 biex temenda l-Anness III ta' dan ir-Regolament biex tirrevedi jew tikkomplementa l-indikaturi fejn jitqies neċċessarju u biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni.

3. Is-sistema ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonat fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u fuq parteċipanti oħra tal-fondi tal-Unjoni, kif ikun xieraq.
4. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU skont l-[Artikoli 241 u 250] tar-[Regolament Finanzjarju]. Għal dan il-għan, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipprovdu kull sena l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu li l-Kummissjoni tikkonforma mal-obbligi ta' rappurtar tagħha.
5. Barra minn hekk, kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jissottometti rapport kull sitt xhur lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament, imqassam skont il-kompartiment tal-UE u l-kompartiment tal-Istat Membru, kif xieraq. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll data operazzjonali, statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar kull operazzjoni ta' finanzjament u ta' investiment u fil-livell tal-kompartiment, tas-sezzjoni ta' politika u tal-livell tal-Fond InvestEU. Wieħed minn dawn ir-rapporti għandu jkun fih l-informazzjoni li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipprovdu skont l-[Artikolu 155(1)(a)] tar-[Regolament Finanzjarju].

Artikolu 23

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
2. Sat-30 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim dwar il-Programm InvestEU, b'mod partikolari dwar l-użu tal-garanzija tal-UE.
3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Programm InvestEU, b'mod partikolari dwar l-użu tal-garanzija tal-UE.
4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati bl-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.
5. L-imsieħba għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex twettaq l-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

6. Skont l-[Artikolu 211(1)] tar-[Regolament Finanzjarju], il-Kummissjoni għandha tinkludi kull tliet snin fir-rapport annwali msemmi fl-[Artikolu 250] tar-[Regolament Finanzjarju] rieżami tal-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament stabbilita fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament apparagun mal-profil tar-riskju attwali tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-garanzija tal-UE. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 26 sabiex taġġusta, abbażi ta' dak ir-ieżami, ir-rata ta' proviżjonament stabbilita fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament b'mhux aktar minn 15 %.

Artikolu 24

Awditi

L-awditi dwar l-użu tal-finanzjament tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew minn entitajiet, inklużi oħrajn minbarra dawk imqabnda mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija kumplessiva skont l-[Artikolu 127] tar-[Regolament Finanzjarju].

Artikolu 25

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Meta pajjiż terz jipparteċipa fil-Programm InvestEU permezz ta' deċiżjoni taħt ftehim internazzjonali jew permezz ta' kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni responsabbli, mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jsiru investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, b'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

Artikolu 26

Eżerċizzju ta' delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(6), 22(2) u 23(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-[dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi,

ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 7(6), 22(2) u 23(6) tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti deżinjati minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 7(6), 22(2) u 23(6) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

KAPITOLU VIII

TRASPARENZA U VIŻIBILITÀ

Artikolu 27

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lil diversi udjenzi, inklużi lill-midja u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm InvestEU, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm InvestEU għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI U TRANŻITORJI

Artikolu 28

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Id-dħul, il-ħlas lura u l-irkupri minn strumenti finanzjarji stabbiliti mill-programmi msemmija fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw għall-proviżjonament tal-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament.
2. Id-dħul, il-ħlasijiet lura u l-irkupri mill-garanzija tal-UE stabbiliti bir-Regolament (UE) 2015/1017 jistgħu jintużaw għall-proviżjonament tal-garanzija tal-UE skont dan ir-Regolament, sakemm ma jintużawx għall-finijiet imsemmija fl-Artikoli 4, 9 u 12 tar-Regolament (UE) 2015/1017.

Artikolu 29

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Modi ta' ġestjoni ppjanati

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar
- 2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri ta' prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1 *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2 *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3 *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4 *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5 *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam(oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.5. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju
- 1.6. Modi ta' ġestjoni ppjanati

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar
- 2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri ta' prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1 *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2 *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.3 *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Il-Programm InvestEU

Ir-Regolament (UE) 2018/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU

1.2. Qasam/oqasma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

Investimenti Strateġiċi Ewropej

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida segwita minn proġett pilota/azzjoni preparatorja³⁰

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew dirottat ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.4.1. *Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-proseguwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-għanijiet fit-tul tal-UE rigward is-sostenibbiltà, il-kompetittività u t-tkabbir inklużiv jeħtieġu investimenti sinifikanti f'varji setturi bħal f'mudelli ġodda ta' mobbiltà, enerġiji rinnovabbli, effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-ekonomija u l-infrastruttura soċjali, l-ekonomija ċirkolari, il-kapital naturali, l-azzjoni klimatika, jew il-ħolqien u t-tkabbir ta' negozji ta' daqs żgħir jew medju. Garanzija baġitarja li tipprovdi kapaċità ta' ġarr tar-riskju lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jiffinanzjaw l-investment fl-Unjoni fuq il-pedamenti tas-suċċess tal-FEIS u l-istrumenti finanzjarji tippermetti li l-appoġġ għall-investment ikompli mingħajr intoppi sal-2021.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għal azzjoni f'livell Ewropew (ex-ante):

Filwaqt li jista' jiġi osservat irkupru fil-proporzjonijiet ta' investment mal-PDG fl-UE, dan huwa insuffiċjenti biex jikkompensa għal snin ta' nuqqas ta' investment u biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-investment strutturali tal-Unjoni fid-dawl tal-bidla teknoloġika u l-kompetittività globali, inkluż għall-innovazzjoni, il-ħiliet, l-infrastruttura, l-SMEs u l-ħtieġa li jiġu indirizzati sfidi tas-soċjetà importanti bħalma huma s-sostenibbiltà jew it-tixjiħ tal-popolazzjoni. L-Istati Membri ma jistgħux jeliminaw dawk id-diskrepanzi fl-investment waħedhom. Għaldaqstant, hija

³⁰

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

meħtieġa t-tkomplija tal-appoġġ biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment f'setturi mmirati sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni. L-użu ta' garanzija baġitarja, b'effett ta' ingranaġġ u aktar qrib tas-suq, jikkomplementa b'mod effiċjenti l-għotjiet fis-sett ta' għodod tal-baġit tal-Unjoni. L-intervent fil-livell tal-Unjoni jipprovdi ekonomiji ta' skala fl-użu ta' prodotti finanzjarji innovattivi billi jiġi katalizzat investiment privat fl-Unjoni kollha u jsir l-aħjar użu mill-Istituzzjonijiet Ewropej u mill-għarfien espert tagħhom għal dan il-għan. L-intervent tal-Unjoni jagħti wkoll aċċess għal portafoll diversifikat ta' proġetti fl-Unjoni u jippermetti l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi li jistgħu jiġu miżjuda jew riprodott fl-Istati Membri kollha. L-effett multiplikatur u l-impatt fil-post għaldaqstant huma ħafna akbar minn dak li jkun jista' jintlaħaq minn inizjattiva fi Stat Membru wieħed, b'mod partikolari għal programmi ta' investiment fuq skala kbira.

Valur miżjud għall-Unjoni mistenni li jkun iġġenerat (ex post)

L-inizjattiva mistennija tippermetti lill-imsieħba li jimplementaw biex iwettqu operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment f'oqsma mmirati ta' għanijiet strateġiċi tal-politika tal-Unjoni. Huwa mistenni li jiġi ġġenerat effett multiplikatur permezz tal-provvediment ta' garanzija tal-UE u billi jiġu attirati investimenti privati u pubbliċi.

L-inizjattiva hija mistennija tgħin timmobilizza l-finanzjament għal proġetti ta' mhux aktar minn EUR 650 biljun sa tmiem il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Dan mistenni jgħin biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u biex jiġi pprovdut aċċess għall-finanzjament għal entitajiet li kieku ma kinux isibu finanzjament b'termini raġonevoli u b'hekk ġeneralment jiġġenera investimenti fl-Unjoni u għaldaqstant tkabbir u impjiegi.

1.4.3. *Lezzjonijiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-FEIS irriżulta li hu rilevanti għall-indirizzar ta' lakuni fis-suq tal-investiment u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali wara l-kriżi ekonomika. Billi għad hemm lakuni fis-suq tal-investiment, hemm bżonn ta' appoġġ għall-investiment aktar orjentat lejn il-politika mmirata lejn sitwazzjonijiet speċifiċi ta' investiment subottimali.

Il-garanzija baġitarja taħt il-FEIS uriet effiċjenza biex iżżid l-impatt tar-riżorsi baġitarji limitati.

L-appoġġ tal-FEIS u strumenti finanzjarji mmaniġġjati ċentralment, kif ukoll diversi strumenti finanzjarji mmaniġġjati ċentralment, instabu li kienu jirkbu fuq xulxin f'għadd ta' oqsma. L-integrazzjoni tal-programmi ta' investiment futuri kollha tal-Unjoni f'fond wieħed timmira lejn simplifikazzjoni, flessibilità akbar u tneħħija ta' duplikazzjoni potenzjali bejn strumenti simili ta' appoġġ għall-investiment tal-UE.

Servizzi ta' konsulenza u assistenza teknika huma meħtieġa ħafna biex itejbu l-kapaċità tal-Istati Membri u tal-promoturi tal-proġett biex joriġinaw, jiżviluppaw u jimplementaw proġetti ta' investiment. Għall-perjodu 2021-2027 huwa propost li jiġu integrati inizjattivi ta' assistenza teknika amministrata ċentralment għall-appoġġ ta' proġetti ta' investiment taħt InvestEU.

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

Il-Fond InvestEU jinkludi appoġġ ripagabbli tal-Unjoni għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment permezz tal-provvista ta' kapaċità ta' rfiġ tar-riskju permezz ta' garanzija baġitarja lill-imsieħba li jimplimentaw f'oqsma politiċi interni prinċipali. Dan l-appoġġ huwa għalhekk taħt strument wieħed biex jiżdied l-impatt, jitnaqqas il-proviżjonament, jiġu evitati duplikazzjonijiet possibbli u tiżdied il-viżibbiltà tal-azzjoni tal-Unjoni. Kombinazzjonijiet ma' finanzjament ta' għotjiet (blending), fejn xieraq, huwa possibbli sabiex jinħolqu sinerġiji, pereżempju fis-setturi tat-trasport, tar-riċerka u diġitali.

Il-kompartimenti tal-Istati Membri se jagħmluha possibbli għall-Istati Membri biex jużaw il-fondi disponibbli fl-ambitu tal-finanzjament ta' koeżjoni b'mod attraenti u simplifikat.

1.5. **Tul taż-żmien u impatt finanzjarju**

durata limitata

- X fis-seħħ minn 01/01/2021 sa 31/12/2027
- X Impatt finanzjarju minn 2021 sa 2027 għal approprjazzjonijiet ta' impenn u minn 2021 sa 2030 għal approprjazzjonijiet ta' pagament għall-proviżjonament tal-garanzija tal-UE.

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- u wara dan jibda l-operat sħiħ.

1.6. **Modi ta' ġestjoni ppjanati³¹**

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil:

- pajjiżi terzi jew il-korpi li huma ddeżinjaw;
- X organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (possibbilment, fost l-oħrajn, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp; il-Bank tal-Kunsill tal-Ewropa; il-Bank Dinji);
- X il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment;
- korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- X korpi rregolati bil-liġi pubblika;
- X korpi amministrati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

³¹ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

- Korpi X regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdat lilhom bl-implimentazzjoni ta' sħubija privata-pubblika u li tipprowdi garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

Sħab li jimplimentaw għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-proposta leġislattiva. Dawn jistgħu jinkludu dawn ta' hawn fuq kollha jew xi wħud minnhom.

Il-ġestjoni diretta tista' tikkonċerna parti mill-implimentazzjoni ta' Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU u l-Portal InvestEU.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni f'konformità mar-[Regolament Finanzjarju] fuq bażi regolari. Għall-monitoraġġ, huma għandhom japplikaw ir-regoli u l-proċeduri tagħhom li jkunu ġew ivvalutati skont [l-Artikolu 154] tar-[Regolament Finanzjarju] sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fih.

Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ tal-prestazzjoni għal kull sezzjoni ta' politika.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti*

Il-garanzija tal-UE taħt il-Fond InvestEU tista' tiġi pprovduta biss permezz ta' mod ta' ġestjoni indiretta permezz ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li, bħala regola, jikkontribwixxu wkoll għall-appoġġ li jingħata lir-riċevituri finali. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni se jikkonsistu minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, banek promozzjonali nazzjonali u istituzzjonijiet u intermedjarji finanzjarji oħra li huma korpi tal-Unjoni, regolati u/jew taħt is-superviżjoni tas-settur bankarju. L-operazzjonijiet li jibbenefikaw mis-sostenn tal-garanzija tal-UE jibqgħu operazzjonijiet approvati mill-korpi governattivi tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li se jkollhom japplikaw id-diliġenza dovuta u l-qafas ta' kontroll tagħhom għal dawn l-operazzjonijiet. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipprovdu rapporti finanzjarji awditjati lill-Kummissjoni.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskju għall-baġit tal-UE huwa marbut mal-garanzija tal-baġit mogħtija mill-Unjoni lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tagħhom. Il-garanzija tal-UE tipprowdi garanzija irrevokabbli tal-ewwel talba normalment fuq bażi ta' portafoll għall-operazzjonijiet koperti. Il-baġit tal-Unjoni u s-sieħeb ta' implimentazzjoni jaqsmu r-remunerazzjoni relatata mar-riskju mill-operazzjonijiet fuq il-bażi tas-sehem tagħhom fit-teħid tar-riskji.

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal EUR 38 000 000 000.

L-entrata baġitarja (“p.m.”) li tirrifletti l-garanzija baġitarja għas-sieħeb ta’ implimentazzjoni tiġi attivata biss fil-każ ta’ sejħa effettiva fuq il-garanzija li ma tkunx tista’ tiġi koperta għal kollox mill-proviżjonament (iffinanzjat b’mill-inqas EUR 15 200 000 gradwalment sa tmiem l-2030). Ir-rata ta’ proviżjonament ta’ 40 % hija bbażata fuq l-esperjenza tal-imgħoddi bl-FEIS u bi strumenti finanzjarji.

L-obbligazzjoni kontinġenti fir-rigward tal-Istat Membru tkun koperta minn garanzija dahar ma’ dahar minn kull Stat Membru kkonċernat.

L-operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment fil-kuntest tal-InvestEU jitwettqu skont ir-regoli ta’ proċedura standard tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u l-prattika bankarja soda. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni magħżul u l-Kummissjoni jidħlu fi ftehim ta’ garanzija li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati relatati mal-implimentazzjoni tal-Fond InvestEU.

Peress li s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni bħala regola jieħu parti tar-riskju, l-interess tal-Unjoni u dak tas-sieħeb ta’ implimentazzjoni huma b’hekk allinjati, u dan itaffi r-riskju għall-baġit. Huma wkoll istituzzjonijiet finanzjarji b’reġoli u proċeduri xierqa fis-seħħ li se jiġu kkontrollati permezz tal-valutazzjoni tal-pilastri skont [ir-Regolament Finanzjarju].

Se tiġi stabbilita struttura ta’ governanza speċifika sabiex jiġu vvalutati r-riskji finanzjarji rilevanti tal-operazzjonijiet (it-tim tal-proġett) jew jingħata l-użu tal-garanzija tal-UE (il-Kumitat tal-Investment).

Il-Kummissjoni se tirċievi rapporti finanzjarji awditjati annwali li jkopru l-operazzjonijiet mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.

- 2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

MHUX APPLIKABBLI

L-UE qed tiggarrantixxi l-operazzjonijiet imwettqa minn entitajiet delegati skont ir-regoli u l-proċeduri tagħhom, inkluż il-qafas ta’ kontroll intern tagħhom. L-ispejjeż għall-baġit tal-UE jirriżultaw biss fir-rigward ta’ rekwiżiti partikolari imposti mill-UE b’żieda mal-qafas tal-kontroll intern tal-entitajiet inkarigati, li għadhom ma jistgħux jiġu kkwantifikati

2.3. Miżuri ta’ prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni magħżula se jkunu għaddew mill-valutazzjoni tal-plilastri prevista fl-[Artikolu 154] tar- [Regolament Finanzjarju], li jiżgura kwalità solida ta’ kontroll intern u sistemi indipendenti ta’ awditjar estern. Minbarra dan, se jkollhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-[Titolu X] tar-[Regolament Finanzjarju]. Billi huma istituzzjonijiet finanzjarji, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ikollhom fis-seħħ oqfsa ta’ kontroll intern. Peress li l-Fond InvestEU jikkonsisti f’sostenn li jitħallas lura, huwa se jistrieħ fuq id-diliġenza dovuta u l-monitoraġġ u l-kontroll mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, ħlief jekk jiġu identifikati dgħufijiet fihom. Minbarra dan, l-Artikolu 24 tar-Regolament

propost jipprevedi li l-awditi dwar l-użu tal-finanzjament tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew minn entitajiet, inklużi oħrajn minbarra dawk imqabba mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija kumplessiva skont l-[Artikolu 127] tar-[Regolament Finanzjarju].

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|--|---------------|--|---|------------------------|---|
| | | | mingħand il-pajjiżi tal-EFTA ³³ | mingħand il-pajjiżi kandidati ³⁴ | mingħand pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 02.02.01 Garanzija InvestEU | Diff. | IVA | IVA | IVA | N |
| | 02.02.02 Proviżjonament tal-Garanzija tal-InvestEU | Diff. | IVA | IVA | IVA | LE |
| | 02.02.03 Iċ-Ċentru tal-Konsulenza InvestEU u l-Portal InvestEU u miżuri ta' akkumpanjament | Diff. | IVA | IVA | IVA | LE |
| | 02.01 appoġġ amministrattiv InvestEU | Mhux diff. | IVA | IVA | IVA | LE |

³² Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

³³ L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

³⁴ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa³⁵

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | |
|--|---|--------------------------------------|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali pluriennali | 1 | “Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali” |
|--|---|--------------------------------------|

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | Wara l-2027 | TOTAL |
|--|---------------------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-------------|------------|
| 02.02.01 Garanzija InvestEU | Impenji | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm | | pm |
| | Pagamenti | | | | | | | | | |
| 02.02.02 Proviżjonament tal-Garanzija tal-InvestEU | Impenji | 1 906,742 | 1 945,387 | 1 984,325 | 2 026,571 | 2 071,143 | 2 114,056 | 2 151,776 | | 14 200,000 |
| | Pagamenti | 1 402,505 | 1 574,122 | 1 673,829 | 1 805,244 | 1 921,368 | 1 994,694 | 2 040,875 | 1 787,362 | 14 200,000 |
| 02.02.03 Iċ-Ċentru tal-Konsulenza InvestEU, il-Portal InvestEU u miżuri ta' akkumpanjament ³⁶ | Impenji | 72,658 | 73,658 | 76,158 | 76,158 | 73,658 | 73,658 | 73,158 | | 519,106 |
| | Pagamenti | 30,058 | 58,458 | 74,658 | 76,658 | 76,158 | 73,658 | 72,658 | 56,800 | 519,106 |
| 02.01 appoġġ amministrattiv InvestEU | Impenji = Pagamenti | 0,842 | 0,842 | 0,842 | 0,842 | 0,842 | 0,842 | 0,842 | | 5,894 |
| TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-pakkett tal-programm | Impenji | 1 980,242 | 2 019,887 | 2 061,325 | 2 103,571 | 2 145,643 | 2 188,556 | 2 225,776 | | 14 725,000 |
| | Pagamenti | 1 433,405 | 1 633,422 | 1 749,329 | 1 882,744 | 1 998,368 | 2 069,194 | 2 114,375 | 1,844.162 | 14 725,000 |

³⁵ It-totali jafu ma jaqblux bl-eżatt minhabba l-arrotondament.

³⁶ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (linji “BA” preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | |
|--|---|-------------------------|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | “Nefqa amministrattiva” |
|--|---|-------------------------|

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | Wara l-2027 | TOTAL |
|---|-------------------------------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|-------------|---------------|
| Riżorsi umani | | 3,432 | 3,432 | 3,432 | 3,432 | 3,432 | 3,432 | 3,432 | | 24,024 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 2,150 | 2,150 | 2,150 | 2,150 | 2,150 | 2,150 | 2,150 | | 15,050 |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 5,582 | 5,582 | 5,582 | 5,582 | 5,582 | 5,582 | 5,582 | | 39,074 |

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | Wara l-2027 | TOTAL |
|--|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-------------|-------------------|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet fi-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 1 985,824 | 2 025,469 | 2 066,907 | 2 109,153 | 2 151,225 | 2 194,138 | 2 231,358 | | 14 764,074 |
| | Pagamenti | 1 438,987 | 1 639,004 | 1 754,911 | 1 888,326 | 2 003,950 | 2 074,776 | 2 119,957 | 1 844,162 | 14 764,074 |

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

- Il-proposta/L-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/L-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|------|------|------|------|------|------|------|------|-------|
|------|------|------|------|------|------|------|------|-------|

| INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |
|--|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|---------------|
| Riżorsi umani | 3,432 | 3,432 | 3,432 | 3,432 | 3,432 | 3,432 | 3,432 | 24,024 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 1,900 | 1,900 | 1,900 | 1,900 | 1,900 | 1,900 | 1,900 | 13,300 |
| Total Parzjali INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | 5,332 | 5,332 | 5,332 | 5,332 | 5,332 | 5,332 | 5,332 | 37,324 |

| Barra mill-INTESTATURA 7 ³⁷ tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |
|---|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------------|
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 0,842 | 0,842 | 0,842 | 0,842 | 0,842 | 0,842 | 0,842 | 5,894 |
| Total parzjali barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|---------------|
| TOTAL | 6,174 | 6,174 | 6,174 | 6,174 | 6,174 | 6,174 | 6,174 | 43,218 |
|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|---------------|

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti b'appropriazzjonijiet mid-DĠ li diġà kienu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun meħtieġ, ma' xi allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

³⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu tar-riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|--------------------------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|
| • Karigi tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju) | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni | 24 | 24 | 24 | 24 | 24 | 24 | 24 |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | |
| • Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għal Full Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED ³⁸ | | | | | | | |
| Intestatura 7 | | | | | | | |
| Iffinanzjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | |
| Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm ³⁹ | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | |
| Oħrajn: esperti ssekondati minn imsieħba li jimplementaw u mħallsa kompletament minnhom | | | | | | | |
| TOTAL | 24 | 24 | 24 | 24 | 24 | 24 | 24 |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati minn persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġie skjerat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun hemm bżonn, kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tat-tmexxija skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompliti li jridu jitwettqu:

| | |
|---------------------------------|--|
| Uffiċjali u persunal temporanju | <p>Maniġers tar-riskju (4) biex jevalwaw il-profil tar-riskju tal-portafolli ta' operazzjonijiet sabiex jimmonitorjawh kontinwament u biex jiżguraw li l-proviżjonament jikkorrispondi mar-riskji sottostanti.</p> <p>Persunal (20) għas-segretarjat tal-Fond InvestEU. Is-segretarjat se jieħu ħsieb</p> <ul style="list-style-type: none"> - ir-riċeviment tal-proposti min-naħa s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni; - it-tqassim għall-valutazzjoni tal-proposti lit-tim tal-proġett u lill-Kumitat tal-investment; - il-kollaborazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni; - il-koordinazzjoni mal-Bord Konsultattiv u mal-Kumitat tal-Investment; - il-preparazzjoni tal-laqgħat bejn id-Direttorati Ġenerali involuti fl-implimentazzjoni tal-InvestEU u l-koordinazzjoni interna tat-tħejjija ta' linji gwida għall-investment, id-disinn ta' prodotti finanzjarji u kwistjonijiet orizzontali oħra; - l-għajjnuna lill-maniġers tar-riskju fit-tħejjija tal-monitoraġġ tal-profil tar-riskju; - it-twettiq tal-preparazzjoni u n-negożjati tal-ftehimiet ta' garanzija mas-sħab inkarigati |
|---------------------------------|--|

³⁸ AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

³⁹ Sottolimitu għal persunal estern kopert minn approprazzjonijiet operattivi (linji "BA" preċedenti).

| | |
|-----------------|--|
| | mill-implimentazzjoni; - il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni; - il-preparazzjoni ta' rapporti; - il-ġestjoni taċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU. |
| Persunal estern | |

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi
- tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|------|------|------|------|------|------|------|-------|
| Pajjiżi terzi | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm |
| Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm |

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/L-inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - dwar ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa X

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja tad-dħul tal-baġit: | Impatt tal-proposta/inizjattiva ⁴⁰ | | | | | | |
|--|---|---------|---------|---------|---------|---------|---------|
| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| 6 4 1 (Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji — Dħul assenjat) | 250,000 | 100,000 | 100,000 | 250,000 | 100,000 | 100,000 | 100,000 |
| TOTAL | 250,000 | 100,000 | 100,000 | 250,000 | 100,000 | 100,000 | 100,000 |

Skont l-Artikolu 28(1) tal-proposta, id-dħul, il-ħlas lura u l-irkupri se jiġu assenjati għal-linja tal-baġit li ġejja:

02.02.02 Proviżjonament tal-Fond InvestEU+ 02.02.03

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Id-dħul assenjat minn InvestEU l-ewwel se jkun allokat biex ikopri t-tariffi

⁴⁰ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

